Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 255 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Angelo Gafa'

Vs

Carmelo sive Charles Grech

Illum 6 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Carmelo sive Charles Grech detenur tal-karta tal-identita Maltija 93255M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana u tad-Direttur Generali tal-VAT akkuzati talli:**

Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 2012, mal-wasla tieghek minn Misurata, il-Libja, bil-bastiment MFV MAE YEMANJA, wara tfittxija li saret minn Ufficjali tad-Dwana fuq l-imsemmija bastiment li kien sorgut *Fuel Wharf* gewwa l-Port il-Kbir, instab li xjentement importajt jew dahhalt jew kellek x' taqsam f' illi jigu mportati jew imdahhla f' Malta 2283 kartuna sigaretti kif deskritti hawn taht, u dan sabiex bil-qerq jinharbu jew jigi ttentat li jinharbu d-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

i. 44 Kaxxa, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna **Walton**
ii. Kaxxa b' 50 kartuna, b' 200 sigarett kull kartuna **Capital**
iii. 15-il kartuna, b' 200 sigarett kull kartuna **Walton**
iv. 18-il kartuna b,200 sigarett kull kartuna **Capital;**

Talli wkoll fl-istess data, post u cirkostanzi instab li xjentemenet kellek fil-pussess u taht il-kontroll tieghek, kif ukoll ilqajt ghandek, zammejt jew kellek b' xi mod x' taqsam fil-garr, twarrib, habi jew depoziti ta' dawn l-imsemmijin sigaretti;

Talli wkoll fl-istess data, post u cirkostanzi fixkilt lill-Ufficjali tad-Dwana fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom;

Talli wkoll fl-istess data, post u cirkostanzi kellek b' xi mod x' taqsam filli taghmel xi dikjarazzjoni jew tissottometti xi dokumenti jew informazzjoni li bid-dehen tieghek kienet falza f' dettal sostanzjali.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbit u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom **valur totali ta' €13,241.40, Dazju tas-Sisa dovut ta' €60,271.20, kif ukoll dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €7627.05 u €14,605.14** rispettivament, liema Dazji u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

U dan bi ksur tal-Artikoli 60(b), (h), (k), 62(a), (f), (g), (h), (i), (j), (k), (m), 68(1), 69(1), (2), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 16(1),(i), (j), (k), u 17(1), (a), (d), 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 18A(1) tal-Att dwar Dazju ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti sabet u ddikjarat lill-imputat Carmelo sive

Charles Grech mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli joghgobha **thassar** u **tirrevoka** s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat minn kull akkuza u minflok issibu hati skont l-akkuza u tinfliggi piena skont il-ligi b' dana li terz tal-multa li jista' jehel bhala parti mill-piena ghandha titqies bhala dejn civili u li ghandha tigi addebitata u tithallas lid-Dipartiment tad-Dwana .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi **l-aggravji** huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:
Illi preliminarjament jinghad li l-**ewwel** aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-punti preliminari taghha ghamlitha cara li l-istqarrija kienet ser tigi kompletament skartata abbazi tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tal-elfejn u sbatax (2017) mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) per l-Imhallef **Joseph Zammit Mckeon** liema sentenza tinsab appellata mill-Avukat Generali u ghaldaqstant tali sentenza ghadha sub judice[1]. Illi l-esponent jishaq li l-ewwel Qorti ma setghetx tiskarta l-imsemmija stqarrija purament fuq decizjoni ta' Qorti ohra li ghadha mhux res judikata[2] u ghalhekk isegwi li kellha tiehu konjizzjoni taghha u se mai tara u tifli x' tislet u x' tgharbel minnha fil-gudizzju taghha.

---

[1] l-aħħar seduta kienet propju fil-ħdax (11) ta' Mejju tal-elfejn u tmintax (2018)

[2] Vide appell Civili nru 674/10 fl-ismijiet **Avukat Generali u Kummissaju tal-Pulizija v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** tal-**erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tal-elfejn u sbatax (2017)** fejn il-Qorti annulat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati peress li d-deċiżjoni saret fuq sentenza tal-Prim' awla li kienet għadha sub judice

Illi f' dan l-isfond u fir-rigward tal-istqarrija jinghad li kien propju l-appellat innifsu li kien ammetta li kien ghamel il-manuvra l-barra mill-port mhux ghax verament kellu l-hsara[3]

*Iva veru dan pero' nghid li ma qlajtx b' velocita. Lit-turretta spjegajtilha li kelli hsara fil-variable pitch u tlabthom biex naghmel sea trial barra l-port u huma tawni l-go ahead. Fuq mistoqsija li qed issirli nghid li jiena mhux veru kelli hsarat u nghid li ghamilt dan minhabba li kelli s-sigaretti abbord. Fil-verita' nghid li difett zghir kelli fil-variable pitch pero' tajjeb jew hazin kont se nitrakka imma malli nfurmawni li kien hemm tad-Dwana, jien ippanikjajt u soqt-il barra. Dan ghamiltu ghaliex l-intenzjoni tieghi kienet li nbiegh dawn is-sigaretti fis-suq lokali u allura originarjament ma kontx se niddikjara dawn is-sigaretti mad-Dwana. Lill-agent u cioe lil Joseph ta' SeaNav Maritime Services Limited jien kont ghedtlu li ma kelli xejn x' niddikjara izda malli hrigt il-barra cempiltlu fejn infirmajtu li kelli 46 kaxxa sigaretti abbord. Fil-fatt, l-IMO imliha hu fuq struzzjonijiet tieghi u hi ghalhekk li hemm l-ingassar fuq il-kelma nil li giet replaced bil-kliem 46 boxes cigarettes rem onboard.*

Illi jinghad ukoll li l-appellat kien iffirma l-istqarrija propju fejn hemm id-dikjarazzjoni li tali stqarrija saret b' mod volontarju u bla theddid jew biza' jew weghdi jew bi twebbil ta' xi vantaggi u wara li tali stqarrija nqratlu liema stqarrija ttiehdet ukoll wara li kif appena ndikat l-appellat fil-fatt kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu l-av. **Jeffrey Mifsud Farrugia**.

Illi fattur iehor aggravanti dejjem marbut mall-istqarrija huwa fir-rigward l-allegazzjonijiet serjissimi li saru fil-konfront tal-**Ispettur Angelo Gafa',** ghalkemm dan tal-ahhar cahad kategorikament fil-kontrezami tieghu: -

*L-ahhar domanda. Ara tiftakarx naqra, inti dan l-istatement irrillaxxahulek wara li inti tajtu assigurazzjoni li jekk jaghmel l-istatement li ghamel, lil mara tieghu li kienet ma tiflahx u lit-tifel ma jittehdux passi kriminali kontrihom?* l-ispettur wiegeb li *ma kellix ghalfejn niehu passi kontrihom.*

[3] Vide stqarrija tal-appellat a fol 24 tal-atti processwali, l-aħħar twegiba

Id-difiza regghet saqsietu: -

*Inti tiftakar?*

Bl-Ispettur iwiegeb: -

*le mhux veru.*

Wara id-difiza saqsietu: -

*jekk inti tiftakarx iva jew le?*

Fejn rega' wiegeb

*zgur u zgur li xi haga bhal din qatt m' ghamilta u minix ha maghmilha. Issa jiena ma nafx kif stajt niehu passi kontra l-mara u t-tifel jekk dan.*[4] *Le jiena x' intqal ma nafx pero' jiena zgur li affarijiet bhal dawn, biex iwegibni nghidlu minix ha niehu passi kontra haddiehor, zgur li m' ghamiltiex. Imma l-punt hu li l-mara ma kinetx fuq il-lanca dak in-nhar. Hu stess jghid li kienet fuq il-moll. It-tifel ma kienx fuq il-lanca. Hu stess jghid li kien fuq il-moll. U lanqas jiffigurjaw bhala Diretturi tal-kumpannija.*

Illi di piu meta xehed l-appellat innifsu regghu saru allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-**Ispettur Angelo Gafa'** u dana fin-nuqqas tieghu peress li meta nghatat tali xiehda l-Ispettur **Gafa'** ma kienx ghadu fuq il-kaz. Illi fuq domanda li saret lilll-appellat mill-**Ispettur Jonathan Ferris** fuq l-istqarrija li kien ffirma wiegeb: -

*le jien iffirmajtu daka minhabba dik it-theddida li kelli fuqi mill-Ispettur, meta qalli "ha naqbad narresta lin-nies bl-addocc", qalli "l-ewwel li ha nibda mill-mara tieghek nitfahhielek il-lock up".*

Illi meta l-Qorti giet rinfaccata b' din is-sitwazzjoni mhux talli ma wissietx lill-appellat fuq is-serjeta' u l-gravita' ta' tali allegazzjonijiet talli naqset ukoll li taghti l-opportunita lill-istess **Spettur Angelo Gafa'** li jikkonfronta lill-appellat u dana meta l-istess Qorti ghandha s-setgha kif ukoll l-obbligu skont il-ligi li taghmel, f' dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita', kull ma jidhrilha, fid-

[4] vide xiehda tal-Ispettur Gafa' a fol 17 tal-atti processwali, is-seba' risposta

diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita' u dana ai termini tal-artikolu 436 subinciz (3)(c) tal-Kap 9.

Illi fir-rigward tat-**tieni aggravju**, u dana minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jinghad li ghalkemm l-ewwel Qorti jidher li hasbet fit-tul u analizzat b' mod approfondit l-provi mressqa baqghet xorta bid-dubbju jippersisti f' mohhha. Illi fil-fehma tal-ewwel Qorti kien

> *evidenti li l-provi maghmulha permezz tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-dokumenti esebiti kkostitwixxu prova cirkostanzjali fejn kompliet li biex tkun prova cirkostanzjali idonea fi process penali jehtieg li tali prova tkun univoka u konkordanti- fi kliem iehor, trid tkun prova li tipponta lejn direzzjoni wahda u jekk pero' hija tali li tista' tinklinak thares lejn direzzjoni, imqar wahda ohra, allura dik il-prova ghandha titqies bhala prova cirkostanzjali, mhux idoneja.*

Illi ma dan l-esponent izid li mhux bizejjed jinghad li l-prova tista' tkun tali li tinklinak thares direzzjoni ohra u nieqfu hemm ghax fl-ahhar mill-ahhar xoghol id-difiza huwa principalment li tizra d-dubbju u ghaldaqstant kwalunkwe prova ohra li titressaq trid ukoll tigi analizzata b' mod xieraq u ragonevoli biex jigi stabbilit kemm ghandha mis-sewwa u kemm tali prova taghmel sens. Fi kliem iehor ma jfissirx li kwalunkwe prova li titressaq biex tikkumbatti prova cirkostanzjali ghandha toqtol tali prova b' mod awtomatiku.

Illi skont l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi tar-rizultanzi processwali f' dan il-kaz, ma setghet qatt, sal-grad tal-konvinciment morali, tiddetermina f' liema hin tnizzlet id-dikjarazzjoni ' 46 boxes cigarettes rem on board' fl-IMO general declaration. Illi huwa propju hawnhekk fejn b' kull dovut rispett l-esponent sottofirmat ma jista' qatt jaqbel ma tali konkluzjoni peress li, anke jekk ghas-sahha tal-argument ma naghtux kaz l-istqarrija, l-atti zgur li jaghtu serhan il-mohh b' konvinciment morali ta' kif u meta mtliet id-dikjarazzjoni fl-IMO.

Illi harsa lejn ix-xiehda tas-sur **Joseph Said**[5] jikkonferma li dan id-dokument jimtela mill-agent, f' dan il-kaz minn SeaNav. Ix-xhud senjatament a fol 134 fuq domanda tal-Qorti qal is-segwenti : -

*id-dokument ghandi idea mhux hazin ta x fih mimli fuqu. Jien mill-informazzjoni li kien tana lili u lil kollega tieghi, l-imghallem tal-ufficju, kont ktibt li d-dghajsa fuqha nill.*

Fejn ftit wara kkonferma li : -

*fiha nil, m fihiex merkanzija, jigifieri dik eventwalment kellha tinbidel, mal-wasla tal-vapur.*

Illi l-istess xhud kompla li : -

*peress illi dan kien fil-weekend, jiena l-ahhar informazzjoni li kelli li kienet, ktibt il-kelma nill mill-ahhar informazzjoni li kelli sakemm kont l-ufficju il-gimgha jew is-sibt, jigifieri kien ghadu pjutost kmieni, imma dik l-informazzjoni li kelli mill-boss tieghi, mill-imghallem tieghi. Imbaghad ingassata u hemm il-kliem 46 boxes cigarettes on board.*

Illi fuq domanda tal-prosekuzzjoni fejn saqsietu

*issa din min ghamilha u fejn?*

ix-xhud wiegeb

*dik ktibta jien fuq il-moll.*

Illi biex teliminha kwalunkwe dubbju fir-rigward il-prosekuzzjoni kompliet saqsiet : -

*fuq il-moll. Issa, dika minn fejn gibta, dik l-informazzjoni ?*

bix-xhud iwiegeb : -

*taghili Darren, it-tifel tal-kaptan.*

[5] Vide xiehda ta' **Joseph Said** a fol 130 et seq

Illi f' dan l-istadju l-prosekuzzjoni riedet tohrog f' liema mument saret din l-emenda fl-IMO fejn saqset lix-xhud : -

*u f' liema mument taghilek dik ? mela inti Magistrat spjegajtlu li rajt il-lanca diehla, 60 pied mil-moll rajta taqla l-barra, sewwa u l-ewwel ghedt kemm damet biex regghet dahlet lura.*

Hawnhekk ix-xhud wiegeb li *damet bejn siegha u siegha u nofs wara*

fejn ikkonferma li kien fil-hin meta l-lanca daret ghal-barra li ghamel l-isemmija emendi fl-IMO declaration : -

*Allura f' liema hin taghulek Darren ?*

ix-xhud iwiegeb : -

*f' dak il-hin.*

Il-prosekuzzjoni kompliet : -

*mela fil-hin, liema wiehed ?*

ix-xhud iwiegeb : -

*fil-hin meta l-lanca kienet barra.*

Illi minn-naha l-ohra u ai fini ta' kredibbilita' meta l-appellat gie mistoqi fuq din il-kwistjoni tad-dikjarazzjoni fl-IMO

*sewwa, mela spjegali daqsxejn kif inti kont konsapevoli li kellek is-sigaretti abbord u l-agent kitiblek nil, ghadek kif xhedt qabel ukoll issa, id-dettalji taghtihomlu inti ghax hu qieghed hawn Malta ?*

u xi tkun ir-risposta tal-appellat ?

*hsibt li ma kelli xejn imbaghad imlejtha*[6].

[6] Vide xiehda tal-appellat a fol 168 ħames twegiba

Illi meta gie mistoqsi jekk jikkonfermax li kien hu li ghaddha l-informazzjoni li kellu s-sigaretti kkonferma ghal tlett darbiet dan il-fatt izda meta gie mistoqsi jekk jikkonfermax li kien hu li cempel qabel biex jghid li ma kellu xejn x' jiddikjara ma ftakarx jekk kienx cempel o meno[7] u meta l-prosekuzzjoni regghet insistiet mieghu fuq kemm il-darba cempel biex joltera d-dikjarazzjoni tal-IMO baqa' ma ftakarx.[8]

Illi f' dan it-tragward l-unika dubbju li kien ghad fadal izda li ma kellu l-ebda pern fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti kien il-fatt li bqajna ma nafux ma min kien qed jitkellem Darren, meta dan tal-ahhar ghaddha l-informazzjoni lil **Joseph Said**. Illi wara tali xiehda l-esponent jerga jaghmel referenza ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f' dan ir-rigward fejn qalet b' certa enfazi li ***ma tista qatt, sal-grad tal-konvinciment morali, tiddetermina f' liema hin tnizzlet id-dikjarazzjoni "46 boxes cigarettes rem on board" fl-IMO general declaration.*** Illi l-esponent jinsab perpless mhux ftit f' dan ir-rigward ghaliex aktar cara u konvincenti minn hekk din il-prova ma setghetx tkun. Jidher car mix-xiehda ta' **Said** li l-IMO fil-parti dikjaratorja tal-oggetti abbord fil-bidu kienet tnizzlet nill, liema informzzjoni giet mibdula minn **Said** u dana meta l-lanca regghet daret il-barra, dejjem fuq struzzjonijiet li nghata mill-kaptan tal-opra tal-bahar.

Illi fid-dawl u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent isaqsi ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx referenza ghax-xiehda tas-sur **Joseph Said** hekk kif sar f' dan l-umli appell aktar u aktar meta l-imsemmi xhud kien daqstant importanti u jkompli jsahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-intenzjoni malizzjuza u doluza tal-appellat dejjem kienet li jdahhal is-sigaretti *de quo* b' mod klandestin biex jittraffikahom gewwa Malta. Illi johrog car mix-xiehda tal-imsemmi **Said** tal-movimenti li ghamlet il-lanca senjatament kif meta l-lanca tfaccat l-ewwel darba mal-moll ma sar l-ebda kuntatt ma **Said** u kien biss fil-mument meta l-istess lanca harget il-barra mill-moll li **Said** gie nfurmat li fuq l-lanca kien hemm is-sigaretti hekk kif jinsabu ndikati fuq it-tahrika. Illi l-esponent itenni x' sens jaghmel li l-kaptan tal-lanca ergo l-appellat, li ormai kien ilu jaf li diehel Malta tant li kien ga trakka mal-

[7] Vide xiehda tal-appellat a fol 170 is-sitt u s-seba' risposta
[8] Vide xiehda tal-appellat a fol 171 l-ewwel risposta

moll, baqa' ma ddikjarax is-sigaretti li kellu abbord u kien biss meta l-lanca ghal xi raguni regghet harget il-barra mill-moll li **Said** gie nfurmat bis-sigaretti li kien hemm abbord u dana qed jinghad irrispettivament jekk il-lanca kellhiex hsara jew le u rrispettivament jekk wiehed jiskartax l-istqarrija jew le. Illi l-esponent jishaq li jekk verament l-appellat ried jiddikjara x' kellu abbord kien jaqbad u jiddikjara mal-mument li kien jaf li diehel Malta *sic et simpliciter*.

Inoltre l-esponent sottofirmat ikompli jsaqsi x' sens jaghmel u kemm hu mis-sewwa li lanca qedha f' nofs ta' bahar suppost sabiex jigu trasferiti s-sigaretti li kienu abbord ghal fuq lanca/bastiment u/jew opra ohra tal-bahar, liema opra tal-bahar baqghet mistura u ma nafu l-ebda nformazzjoni fuqha, u ghal xi raguni, skont l-appellat minhabba l-maltemp, is-sigaretti ma gewx trasferiti kollha u jekk ghal-grazzja tal-argument jitwemmen xorta jibqa' il-fatt li galadarba kien hemm ammont ta' sigaretti li baqaw abbord dawna riedu jigu ddikjarati mal-mument li l-appellat kien jaf li diehel Malta.

Illi maghdud kollox flimkien nistghu allura nghidu li l-Qorti kienet ragonevolment u legalment korretta fid-decizjoni taghha? Illi tenut kont tal-aggravji hekk kif esposti l-esponent jibqa' jinsisti li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ddecidiet li tiskarta l-istqarrija fuq skorta ta' sentenza li ghada *sub judice* kif ukoll u dana minghajr pregudizzju u kemm-il darba tali stqarrija tibqa' tigi skartata, xorta jibqa' il-fatt li ghalkemm il-prosekuzzjoni ppruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-intenzjoni tal-appellat dejjem kienet li jdahhal is-sigaretti minghajr ma jiddikjarhom, anke meta wiehed jara u janalizza bir-reqqa l-mod u kemm kien kredibbli l-appellat fir-risposti tieghu meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-umli opinjoni tal-esponent l-imsemmija Qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li ssib lill-appellat hati skont l-akkuza.

Rat ir-risposta tal-appell tal-imputat Carmelo sive Charles Grech;

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** li spjega li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) kien it-Tnejn filghodu ghal-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu fejn kien gie infurmat mill-Ispettur tad-Dwana, is-Sur Jerome Azzopardi dwar allegat kaz ta' kuntrabandu ta' sigaretti li kien sar gewwa Fuel Walf, f'Ras il-Hanzir, Rahal il-Gdid. Fl-investigazzjoni li ghamlu d-Dwana kienu stabbilew li gurnata qabel il-Hadd 15 ta' April 2012 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija l-Customs Officer S. Balzan li huwa stazzjonat gewwa l-baggage room kien gie kkuntatjat minn certu Joseph ta' Sienaf[9] Agent fejn dan informa lid-Dwana li l-lanca MFV Mae Yemanja. Din kienet mistennija tasal Malta minn Mizurata fil-Libja, nofs siegha wara u allura ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl. Jghid li flimkien mal-Immigration officer PC 450 Bartolo u s-Senior Customs Assistant A. Buttigieg, l-istess Balzan flimkien ma' dawn it-tnejn kienu marru gewwa Fuel Walf sabiex jimlew il-pratka. Malli waslu dawn it-tlett ufficjali, iz-zewg ufficjali tad-Dwana u l-ufficjal tal-Pulizija, l-imsemmija lanca kienet waslet fix-xatt, mal-moll u fil-fatt kienet qarbet hafna mal-moll sa ma xi hadd li ma giex identifikat li kien fuq il-moll, b'voci gholja qal li kien hemm il-prezenza tal-ufficcjali tad-Dwana fuq il-moll u allura dak il-hin li kien gara li din l-imsemmija lanca gholliet il-velocita taghha u harget 'l barra mill-moll. Spjega li din kienet waslet biex titrakka, xi hadd ghajjat b'lehen gholi li kien hemm xi ufficjali tad-Dwana fuq il-moll u din saqet 'l barra. Jghid li kien gie nfurmat it-turetta u allura sussegwentement kienu gew infurmati l-Forzi Armati ta' Malta fejn ghal habta tas-siegha neqsin ghoxrin ta' filghodu, il-lanca giet intercettata u giet skortata lura lejn il-moll mill-Petrol boat tal-AFM Papa 24 u din giet trakkata mal-moll ghal habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu.

Xehed li l-ufficjali tad-Dwana telghu fuq il-lanca, ghamlu search fuqha fejn dawn skoprew kwantita' ta' sigaretti fuqha u cioe 44 master box b'kontenut ta' sigaretti tal-ghamla Walton fejn kull kaxxa allura kien fiha kontenut ta' hamsin grossa sigaretti bil-mitejn sigarett f'kull wahda. Master Case Capital sigaretti bl-istess kwantitajiet kif spjega qabel u hmistax-il kartuna Master box ukoll Walton, dawn il-hmistax huma

[9] Mill-atti jirrizulta li din ghandha taqra 'Seanav Maritime Services Limited'

grossos b'mitejn sigarett kull wahda. Instabu wkoll tmintax-il grossa sigaretti tal-marka Capital b'mitejn sigarett kull wahda. Dawn l-oggetti gew maqbuda mid-Dwana. Inharget ircevuta rispettiva lil Master tal-lanca li huwa wkoll is-sid taghha u cioe Carmelo Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 93255M. Il-Kaptan ipproduca lid-Dwana IMO Declaration fejn dan iddikjara 46 kaxxa sigaretti 'remaining on board', fejn iddeskrivihom bhala '*46 boxes cigarettes remaining on board*.' Jghid li d-Dwana nnutaw bl-iktar mod car li inizjalment fl-istess dikjarazzjoni kien hemm indikat li ma kien hemm l-ebda cargo fuq din il-lanca u fil-fatt fuq dan il-kontenut kollu kien hemm miktub bl-inka sewda f'din il-parti biss u cioe' '*46 boxes remaining on board*' kienet miktuba b'linka blu.

Xehed li meta gie mitkellem mill-ufficjali tad-Dwana, il-Master kien infurmahom li kien gab dawn is-sigaretti, l-ewwel kien qalilhom li gabhom minn Mizurata fil-Libja u mbghad biddel il-verzjoni u kien qalilhom li kien gabhom minn Cipru. Dwar kwantita', is-Sur Grech kien informa lill-ufficjali tad-Dwana li kien xtara elf Master box sigaretti, kien trasferixxa 954 minnhom ghal xi opra tal-bahar *at High Seas* li dan ma identifikahiex u ma riedx jitkellem mad-Dwana dwar il-metodu ta' kif thallas ghal dawn l-imsemmija trasferiment ta'sigaretti u lanqas ipproduca dokumenti li jissostanzjaw dan kollu. Id-Dwana fit-tfittxija li kienu ghamlu fuq l-imsemmija lanca, ma sabu l-ebda flus u lanqas Cargo Manifest ma nghata lid-Dwana u minn naha tieghu, is-Sur Grech naqas milli jiddentifika l-consignee. Xehed li kienu ntbaghtu ukoll Pulizija mill-Ghassa ta' Rahal il-Gdid fejn dawn kienu skortaw lis-Sur Grech gewwa l-lock-up fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex imbghad allura fl-istess jum aktar tard hareg minn naha tieghi fl-ufficcju investigattiv.

Jispjega li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012), is-Sur Carmelo sive Charles Grech, li huwa gharaf fl-Awla bhala l-imputat, kien gie interrogat minnu wara li nghatatlu t-twisssija skond il-ligi u kien ghazel li jikkonsulta mal-Avukat ta' fiducja tieghu Dr. Jeffrey Mifsud Farrugia wara li huwa kien infurmah b'tali dritt u wkoll kien infurmah bie-regola tal-inferenza, fejn allura minn naha tieghu s-Sur Grech kien spjegalu li l-imsemmija lanca MV Mae Yemanja kienet tappartjeni lil Kumpanija tieghu Galv Fisheries Limited li ghandha n-numru ta' registrazzjoni

C41709 u fil-fatt spjegalu li din il-lanca kienet troller li ghaliha kien ghadu kemm akkwista Work Boat Licence mahruga minn Transport Malta u li din allura setghet igorr sa massimu ta' tletin tunnellata u tnax-il passigier. Spjegalu kif matul il-gwerra fil-Libja, is-Sur Grech kien jopera din il-lanca sabiex taghmel trasport ta' Humanitarian Aid u passiggieri inkluz gurnalisti, tobba medici u voluntiera u anke *advisers* Militari minn Malta ghall-Libja. Gara li allura malli spiccat il-gwerra, ix-xoghol f'din l-imsemmija lanca naqaslu lis-Sur Grech u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bahhar lejn Cipru, specifikament lejn Famagusta u dan bil-hsieb li jibda jitrejdja, jaghmel xoghol f'tabakk u dan wara li kien sab kuntatt gewwa Famagusta. Jghid li dan il-kuntatt identifikah bhala Sabah Shipping Limited u qal li minghandha kien xtara elf Master Box sigaretti. Jghid li 'Fil-fatt kontenut ta' 984 Walton, 15 Capital u wahda Manchester Red u qal li dawn is-sigaretti kien xtrahom billi ghamel tajjeb bl-istess lanca tieghu u kien fil-fatt fornieni b'kuntratt li kien iffirma datat 29 ta' Frar 2012 u fil-fatt dawn l-imsemmija sigaretti skond is-Sur Grech kien xtrahom versu '*s-somma ta' 115,000 US Dollars li meta jigu konvertiti f'Ewro jigu €82,000.*'

Spjega li qallu li l-intenzjoni tieghu kienet li jbiegh dawn is-sigaretti fil-Libja u allura minn Famagusta kien bahhar lejn Misurata u dan wara li kien ikkonferma mad-Dwana gewwa l-Libja li hu seta' jaghmel dan it-tip ta' negozju. Jghid li s-Sur Grech qal li meta wasal Misurata, id-Dwana infurmawh li bhala Dazju kellu jhallas erba' darbiet il-valur tas-sigaretti meta fil-fatt in precedzja kien mgharraf li d-Dazju kellu jkun ta' hamsin ewro (€50) kull kaxxa. Qal ukoll li kellu problema jitrasferixxi dawn is-sigaretti minn Misurata ghal pajjiz iehor tan-North Africa u dan peress li l-bill of lading kienet tindika bhala Port Misurata u mhux bhala Misurata in Transit u allura ma hallewhx jittrasferihom f'pajjiz iehor tan-North Africa.

Jghid li l-imputat spjegalu li l-konsenja tieghu damet mahzuna gewwa l-Freeport ta' Misurata madwar disat' (9) ijiem minghajr zvilupp u hemmhekk is-Sur Grech qal li rega' ghamel kuntatt mal-Kumpanija Famagusta minn fejn kien xtara dawn is-sigaretti. Dan qal li kienu tawh il-coordinates ta' vapur li kien at High Seas fit-tramuntana ta' Misurata u hemmhekk allura kellu *instructions* sabiex jitrasferixxi dawn is-sigaretti ghal fuq dan il-vapur. Hekk ghamel is-Sur Grech pero' dan ma tahx

l-ebda dettalji tal-vapur u qallu ma kienx jafhom id-dettalji tal-vapur u lanqas biss kellu dokumenti li jikkonfermaw it-tali trasferiment. Qal ukoll li l-kumpanija Sabah Shipping kien ghad trid thallsu ta' dan it-trasferiment ta' sigaretti u staqsieh x'gara ghal fatt li kien fadal dawn is-sigaretti abbord. Spjegalu li kien temp hazin hemm barra fuq il-bahar u allura ma setax jaghmel trasferiment tal-elf kaxxa b'mod globali. Jghid li skont id-dokumenti li ghaddielu s-Sur Grech kien gie kkonfermat li minn Misurata kien telaq bl-istess ammont ta' sigaretti li kien gab minn Famagusta allura elf kaxxa, elf master box sigaretti.

Dwar l-incident partikolari ta' bejn il-lejl tal-hmistax (15) u sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) meta kien qed jitrakka mal-moll u saq 'l barra spjega li '*is-Sur Grech ikkonfermal li malli kien ser jitrakka mal-moll, xi hadd li hu ma ddentifikahx lanqas allertjah bil-prezenza tad-Dwana fuq ix-xatt u allura hareg 'l barra mill-moll peress li l-intenzjoni tieghu kienet li jbiegh dawn is-sigaretti li kellu abbord il-lanca tieghu minghajr ma jiddikjarhom mad-Dwana. U tant hu hekk li fil-fatt kien diga ghadda l-informazzjoni lill-agent tieghu is-Seanaf li hu ma kellu xejn x'jiddikjara fuq il-lanca tieghu izda malli kien hiereg 'l barra minn mal-moll, mela allura kien dahal u rega' hareg malli gie allertjat, cempel lil dan Joseph tas-Seanaf fejn infurmah li abbord kellu 46 kaxxa sigaretti a bord issa u allura s-Sur Grech assuma r-responsabilta ghall-ammendi li kienu saru fuq l-IMO Declaration, li dak spjega qabel li ma kellu xejn x'jiddikjara u li issa sabu bl-inka blue kuntrarju ghal kumplament, sabu li kien hemm 46 kaxxa tas-sigarreti x'jiddikjara.*'

Spjega li ma riedx jghidilhom minn allertjah u lanqas lil min kien ser ibiegh dawn is-sigaretti pero' spjega li kellu intenzjoni li ibiegh dawn is-sigaretti ghal tlett mitt Ewro (€300) kull kaxxa metri hu kien xtrahom ghall-ammont ta' tnejn u tmenin ewro (€82) kull kaxxa.

Jghid li qal li kienet l-ewwel darba li kien se jaghmel dawn it-tip ta' affarijiet u li l-intenzjoni originali kienet mod iehor u allura kif spjega qabel li dan jaghmel negozju fil-Libja. L-Ispettur Angelo Gafa' jghid li kien anke intervista lil Joseph Said ID 365175 rapprezentant ta' Seanaf Maritime Services, l-agent ta' din il-lanca fejn dan kien ikkolabora l-verzjoni moghtija mis-Sur Carmelo Grech fejn infurmahom li l-Hadd filghaxija qabel ma kien telaq l-ufficini tieghu tal-kumpannija kien mela d-

dettalji fuq l-IMO Declaration anke l-fatt li ma kien hemm xejn x'jiddikjara fuq il-basiment u dan skont ma kien infurmah is-Sur Grech li mal-mument li l-lanca kienet hierga 'l barra mal-moll, dan gie infurmat li kien hemm ammont ta' sigaretti abbord u fil-fatt kien minn naha tieghu qata' l-kliem 'nil' u ddikjara li kien hemm 46 kaxxa sigaretti fuqhom. Jghid li allura wara dan kollu li ttiehdu l-proceduri kontra s-Sur Carmelo Grech ghax li ma kienx ghall-intervent tad-Dwana u ghall-ufficcjal tal-Pulizija dak in-nhar, kif ammetta huwa stess, dan kien sejjer ibiegh dawn is-sigaretti minghajr ma jiddikjarahom mad-Dwana.

Huwa esebixxa il-*Letter to Prosecute* mahruga mid-Direttur Generali tad-Dwana datata id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok AG, *Letter to Prosecute* mahruga mid-Direttur Generali tal-VAT datata il-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok.AG1. Esebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat wara d-debita twissija skont il-ligi mmarkata bhala Dok.AG2 datata s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u rilaxxata fil-hamsa neqsin kwart ta' filghaxija (4:45pm) li damet sas-sitta neqsin ghaxra (5:50pm) ta' filghaxija. Jispjega li '*din hija l-istqarrija bil-miktub qabel dan is-Sur Grech kien qieghed jigi mitkellem, b'mod verbali, dejjem wara d-debita twissija skond il-Ligi u wara, kif diga xehdt kien ha parir minghand l-avukat ta' fiducja tieghu Dr. Jeffrey Mifsud Farrugia.*' Huwa gharaf il-firma tieghu, tal-imputat u ta' PS 474 Norbert Said. Ikkonferma li l-imputat huwa l-istess persuna li rrilaxxa l-istqarrija.

Esebixxa kopja tal-IMO General Declaration immarkata bhala Dok. AG 3 li ghamel referenza ghaliha fejn indikat b'cirku hemm il-kliem '*46 boxes cigarettes rem. on board*' jghid li '*rem.*' qieghda fil-qosor u fuq ix-xellug taghha tidher il-liem '*nil*' maqtuha, ngassata biex allura dan il-kliem ghamel replacement taghha.

Prezenta Loan and Security Agreement mmarkat bhala Dok AG4 li ghaddielu l-imputat li jindika l-ftehim li kien ghamel ma' din il-kumpanija biex xtara s-sigaretti u li kien ghamel tajjeb bil-lanca tieghu stess. Dok.AG5 jghid li huma dokumenti rilaxxati mill-Awtoritajiet gewwa Famagusta fejn hemm indikat il-kwantita' ta' elf kaxxa sigaretti mghoddija lill-imputat. Dok AG6 jghid li hija kopja ta' dokumenti rilaxxati mill-Port ta' Misurata ukoll dwar il-kwantita' ta' sigaretti filwaqt li Dok AG7

huwa Cargo Manifest li jikkonferma li l-imputat kien filfatt telaq b'elf kaxxa sigaretti mill-Port ta' Misurata ghalkemm fuq id-Daily Operation Report li jaghmel parti miz-zewg dokumenti li esebixxa bhala Dok AG7 jgid li jidher li hemm 992 imma fil-parti ta' quddiem u anke kif ikkonferma l-imputat hawn indikat ghal elf kaxxa sigaretti. Dok AG8 huma Memorandum and Articles tas-socjeta' Galf Fisheries Limited bin-numru ta' registrazzjoni C 41709 registrata mal-Malta Financial Services Authority nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Jghid li dan jikkonferma li l-imputat huwa d-Direttur ewlieni ta' din il-kumpanija.

In kontro-ezami mistoqsi dwar li qabel ma ttiehdet l-istatement kien hemm diskursata verbali fejn spjegalu l-affarijiet li kellu hsarat u ma setghax jitrakka u fil-fatt talab biex ikun jista' jerga' johrog jaghmel xi manuvri. Jghid li le ma jirrizultawlux li qallu dak id-diskors, jghid li ma jafx jekk qieghda fl-istqarrija. Hu kkonferma li kien hemm zewg ufficjali tad-Dwana u Pulizija li kienu qeghdin fuq il-moll. Jghid li fuq il-post kien hemm iben l-imputat ikkonfermat minn Joseph Said ta' Seanaf Maritime Services li kkonferma li kien qed jitkellem mieghu. Jghid li minhabba nuqqas ta' men power, id-Dwana mhux dejjem ikunu prezenti meta jkollhom talba biex imorru jaghmlu l-pratka. Mistoqsi mill-Qorti min ghamel dak l-ghajjat jghid li ma giex stabbilit. Jikkonferma li fl-ebda hin din il-persuna ma gie mitkellem minn xi ufficjal tad-Dwana jew mill-Pulizija. Id-difiza ma tikkontestax li fuq il-post kien hemm iben l-imputat qed jilqa' lil missieru gej.

Mistoqsi kellmux jghid li le jghid li '*ga la darba fuq il-post, hadd ma iddentifikah u jiena ma setax jirrizultali, jiena ma kellix bazi biex ninterrogah. Ara minn naha l-ohra, jiena r-rapprezentant, l-agent tal-lanca intervistajtu ghal fatt li kien hu li mela l-IMO Declaration. Allura ridt nivverifika r-raguni li kif minn 'nil' issa dawwarha li kien hemm 46 kaxxa rimanenti a bord.*' Mistoqsi jekk kellimtx liz-zewg ufficjali tad-Dwana u lil dak il-Pulizija li kien hemm maghhom jghid li le ma tkellimx. Huwa tkellem mal-Ispettur tad-Dwana, is-Sur Jerome Azzopardi li ghamel ir-rapport minn naha tieghu kkonfermalu li hadd ma seta' jiddentifika lil din il-persuna. Jghid li hu ma kellimx lit-tlett ufficjali izda qadt fuq ir-rapport tas-Sur Azzopardi li hu l-Ispettur tad-Dwana u jghid li kien rapport professjonali. Jghid li dan l-Ispettur gie nfurmat mal-mument

li l-lanca harget bi speed, b'velocita' l-barra. Jghid li nforma lix-xhud bhala ufficjal tal-Pulizija li kien duty dak in-nhar.

Mistoqsi dwar komunikazzjoni via radio mal-Valletta Port li ghandu restricted manouver u xtaq johrog 'l barra jghid li ma jafx, jghid li din ma harget fl-ebda mument mill-investigazzjonijiet tieghu. Jghid li lanqas l-imputat innifsu ma qalilu din il-haga. Jichad li l-imputat qallu li qabadhom bir-radio, qalilhom li ha jkollu jaqla' l'barra ghax ghandu problema fis-shaft tal-magna ghal restricted manouver. Jghid li ma jiftakarx li qallu hekk u li jekk qalilu qieghda fl-istqarrija. Huwa ra l-istqarrija Dok AG2 fejn kien staqsa '*Il-Pulizija rrizultala li malli l-bierah 15 t'April 2012 inti kont sejjer titrakka ma' Fuel Walf bejn l-ghaxra u nofs u l-hdax ta' filghaxija, xi hadd b'lehen gholi nfurmak li hemm tad-Dwana u inti b'velocita' qawwija qlajt 'l barra u finalment gejt skortat lura minn Petrol Boat AFM. Veru dan?*

*Iva veru dan pero' nghid li ma qlajtx b'velocita'. Lit-turretta spjegajtilha li kelli l-hsara fil-valuable pitch u tlabthom biex naghmel C Trial* [10]*barra l-port. Huma tawni l-go ahead. Fuq mistoqsija li ssirli jiena nghid li mhux veru kelli l-hsarat u nghid li dan minhabba li kelli s-sigaretti a bord.*'

Jispjega li ikkonfermalu li t-turetta infurmahom li kellu l-hsara pero' mbghad fl-istess hin ikkonferama li dan ma kienx minnu xejn u kienet skuza tieghu. Jispjega li '*kif ammetta mieghi stess Sur Magistrat, li l-intenzjoni tieghu kienet li dawn is-46 kaxxa kien li jhotthom u ma jiddikjarahomx mad-Dwana u jbieghhom. Allura dak kien bizzejjed...*' Jghid li ma ccekjax mat-turetta li talabhom permess. Mistoqsi jekk is-sigaretti Walton, Capital huma rinomati ghas-suq Malti wiegeb li ma jistax iwiegeb, ma jpejjipx u ma jafx x'inhu rinomat fis-suq lokali jew le. Jikkonferma li kien qed jitrasportahom minhabba l-maltemp fl-ahhar ma setax ikompli. Mistoqsi jekk jiftakarx li ma xtaqx jitkellem jekk ma jkollux avukat mieghu jghid li ma jiftakarx u jghid li jekk qallu hekk spjegalu l-ligi x'tghid f'dak ir-rigward allura seta' biss jikkonsulta qabel ma tibda' l-interrogazzjoni u mhux waqt l-interrogazzjoni. Ma jikkonfermax li l-imputat xtaq li jkollu Avukat tax-xelta tieghu hdejh waqt li jigi interrogat.

---

[10] Din ghandha taqra 'Sea Trial'.

Mistoqsi jekk l-imputat, qabel ma hadlu l-istqarrija, qallux li xtaq il-prezenza fizika tal-Avukat tal-ghazla tieghu waqt li jkun qed jaghti l-istqarrija wiegeb li ma jiftakarx staqsiehx pero' jekk staqsiex certament li nfurmah li d-dritt tieghu kien biss li jikkonsulta avukat qabel tibda' l-istqarrija. Mistoqsi '*Jigifieri inti ma kontx dispost li jkollu avukat prezenti.*' wiegeb '*Mhux ovja li le jekk il-Ligi ma tippermettilix.*' Mistoqsi dwar jekk il-mara tal-imputat u t-tifel tal-imputat huma Diretturi wkoll jghid li huwa ghandu access ghal MFSA online li turi lill-imputat bhala Direttur ewlieni. Jispjega li '*Shareholders huqa l-mara tieghu, certu Darren Grech u Ian Mark Grech, rapprezentant legali huwa hu, Judiciary Represenative huwa hu u segretarju huwa hu. pero' d-Direttur ewlieni huwa hu.*'

Mistoqsi mill-Qorti meta giet intercettata l-lanca mill-AFM lil min sabu fuqha, jghid li ma jirrizultalux li l-AFM telghu fuq il-lanca.  Jghid li kien hemm l-imputat fuqha li huwa l-Kaptan, mistoqsi rax lil xi hadd jaqbez minn fuq il-lanca jghid li ma jirrizultalux mir-rapport. Mistoqsi minn kien hemm fuq il-lanca lura Malta skortata jghid l-imputat, jghid li ma jidhirlux li kien hemm nies ohra u li hu ma kienx fuq il-post. Jghid li huwa zgur huwa li l-imputat kien il-Kaptan tal-lanca, hu kien qed jimmanuvraha. Mistoqsi jekk 22,830 kartuna sigaretti skond l-akkuza jekk dawn instabux fizikament fuq il-lanca wiegeb li hekk hu u li nstabu fizikament mill-Ufficjal tad-Dwana meta saret is-search. Jghid li harget ircevuta li se jesebuha.

Mistoqsi mid-difiza jekk waqt l-interrogazzjoni issemmewx il-mara u t-tifel tal-imputat, ix-xhud ghamel referenza ghall-istqarrija Dok AG2 fejn jikkonferma li ma kienx wahdu fuq il-lanca ghaliex mistoqsi:

'*Min kien dak li ghajjat biex infurmak li hemm tad-Dwana?*' *wiegeb* '*Ma nixtieqx nghid min biex ma ngibx lil hadd fl-inkwiet pero' nghid li fuq il-post kien hemm Joseph Said...*' Spjega li Joseph Said huwa r-rapprezentant tal-agent tal-lanca. Jaghmel referenza ghall-istqarrija fejn jinghad '*Il-mara tieghi Dorothy Grech u t-tifel Darren Grech li gabuli l-ikel ghal crew u fil-fatt ma kien hemm hadd minn dawn li nfurmani b'dan.*' Jghid li hemmhekk jissemmew il-mara u t-tifel u ma jafx jekk hemmx xi mistoqsija partikolari diretta. Mistoqsi jekk issemietx il-mara li kienet ma tiflahx u inkwetata wiegeb li qabel ma gie hawn qara r-rapport ghax minn April sa llum nesa. Mistoqsi jekk l-istatement

ittiehed mal-ewwel, jekk qabadx u nizzel dawk l-affarijiet jew kien hemm '*distanzi fejn ghall-ewwel ruttanti*' wiegeb li ma jiftakarx jghid li probabli kellu xi nofs ta' nhar Qorti fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm ruttanza li jixhed, li jaghti statement jghid li jiftakar li verbalment ghax hija prassi tieghu li jaghmilha, li qabel ma jibda' jnizzel kollox bil-miktub, dak li jkun ikellmu verbalment dejjem wara d-debita twissija skont il-ligi. Mistoqsi jekk jiftakarx li '*inti dan l-istatement irrillaxxahulek wara li inti tajtu assigurazzjoni li jekk jaghmel l-statement li ghamel, lil mara tieghu li kienet ma tiflahx u lit-tifel ma jittehdux passi Kriminali kontrihom.*' wiegeb li ma kellux ghalfejn jiehu passi kontribhom u li mhux vera. Jghid li '*Zgur u zgur li xi haga bhal din qatt m'ghamilta u minix ha naghmilha. Issa jiena ma nafx kif stajt niehu passi kontra l-mara u t-tifel jekk dan*' Jghid li '*Le. Jiena x'intqal ma nafx pero' jiena zgur li affarijiet bhal dawn, biex iwegibni nghidlu minix ha niehu passi kontra haddiehor, zgur li m'ghamiltiex. Imma l-punt hu li l-mara ma kinetx fuq il-lanca dak in-nhar. Hu stess jghid li kienet fuq il-moll. It-tifel ma kienx fuq il-lanca. Hu stess jghid li kien fuq il-moll. U lanqas jiffiguraw bhala Diretturi tal-Kumpanija.*' Mistoqsi jekk jistax ikun li ccekja mal-MFSA u rrizultalu li hija shareholder u jekk intqalx diskors fis-sens li seta' jiehu passi kontra l-mara wiegeb li le. Jispjega li meta jressqu bhala kumpanija minghalih l-121D li jinteressah mid-Diretturi tal-Kumpannija u wara li jigi assigurat li dak li kien sar, sar wara li kienu jafu huma ghax jekk wara Diretturi ohra tal-Kumpanija ma jafux x'inhu jigri, ma jafux x'ghamel direttur iehor fis-socjeta', ma jistghux jiehdu passi kontra taghhom.

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Martin Debattista** li b'referenza ghal Dok AG prezentat mill-Ispettur Angelo Gafa' jikkonferma li qieghed jaghraf il-firma tad-Direttur Generali. Huwa esebixxa nota ta' qbid fir-rigward tas-sigaretti li giet immarkata bhala Dok MD. Gew prezentati formalment is-sigaretti bhala Dok MD 1. Huwa esebixxi nota ta' qbid fir-rigward tal-lanca Mae Yemanja fejn spjega li l-lanca qieghda tigi maqbuda u li f'dan l-istadju ma gietx esebita.

Fl-istess seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **Connie Azzopardi** in rapprezentanza tad-Direttur Generali VAT li b'referenza ghal

Dok AG 1 prezentat mill-Ispettur Angelo Gafa' li xehdet li hija *letter to prosecute* li harget hi stess ghan-nom tad-Direttur Generali tal-VAT fil-konfront ta' Carmelo Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 93255(M).

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) rega' xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** fejn ghamel referenza ghall-ammonti ta' sigaretti maqbuda fejn b'referenza ghall-akkuza paragrafu mmarkat A qal li r-referenza ghal 22, 830 kartuna sigaretti triq taqraha 2,283 kartuna sigaretti. Jghid li t-total jigi kkalkulat imbghad sussegwentement fil-paragrafu ta' wara fejn hemm indikat specifikament is-sigaretti x'kienu u allura l-akkuzi ghandhom jibqghu l-istess. Jghid li r-reat jibqa' in debitu fil-konfront tal-imputat, jibqghu l-istess u li l-Qorti trid tiehu din in konsiderazzjoni taghha fil-*letters to prosecute* tad-Dwana u tal-VAT ghaliex hargu ta' 22, 830 imma ghandu jkun ta' 2,283. Jghid li meta wiehed jikkalkula tasal ghal 2,283 mhux 22, 830.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Jerome Azzopardi** in rapprezentanza tad-Direttur Generali Dwana bhala Spettur fl-istess Dipartiment li spjega li fil-hmistax (15) ta' April li ghadda, kien xoghol ta' bil-lejl l-Enforcement unit, fejn kien Duty Inspector fl-Enforcement unit u ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (11:30pm) ircieva informazzjoni li kien hemm lanca bl-isem ta' Maria Mania u waqt li din kienet mistennija li torbot fil-vert taghha u kien hemm fizjal tad-Dwana qed jistenna fuq il-moll biex itiha il-pratka, f'daqqa wahda flok ma rabtet mal-moll, dawret u salpat 'l barra u harget 'l barra mill-breakwater. Jghid li fic-cirkustanzi cempel lil Palace Tower, it-turetta, kellem lil certu Muscat li kkonfermalu din l-informazzjoni li kellu u x-xhud talbu biex jikkuntatja lil Forzi Armati ta' Malta, lil patrol boat biex jintercettjaw din il-lanca u jdahhluha kemm jista' jkun malajr lura lejn il-verta. Jghid li dawn intercettawha siegha wara, kienet xi sebgha mili' l barra mill-break water u xi siegha wara li ntercettawha, il-lanca kienet esportata fil-port u eventwalment rabtet fil-vert taghha. Jghid li kienu qed jistennewha biex torbot, kien hu u xi kollegi tieghu, subordinates tieghu l-Fizjal tad-Dwana, kien hemm il-Fizjal tal-pratka li qabel kien qed jistenniha fuq il-moll, telghu abbord u hemmhekk tkellmu mal-Kaptan, is-Sur Carmelo Grech. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Jghid li

tkellmu mieghu, staqsewh x'kienet ir-raguni ghalfejn waqt li kien mistenni li jorbot, fil-fatt qabad u salpa 'l barra u dan bhala raguni qallu li kellu xi problemi fit-tmum. Jghid li indikalu li ghalih ma tantx jaghmel sens dak ir-ragunament ghax jekk kellu xi problema izjed vijabli li tirranga gewwa milli barra u talbuh jiproduci d-dokumentazzjoni biex issir il-pratka. Jghid li pratka hija procedura li jaghmel il-fizjal tad-dwana. Primarjament tkun tikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-Kaptan, jipprezenta certifikati tal-vapur jew tal-opra tal-baha u jaghmel dikjarazzjoni tal-kaptan, jipprezenta certifikati tal-vapur jew tal-opra tal-bahar u jaghmel dikjarazzjoni jekk ikun hemm xi cargo jew xi stores. B'referenza ghal Dok AG3 jghid li dik hija d-dokument principali tal-pratka.

Jghid li kien hemm *amendment* illi originarjament kien hemm NIL fil-kaxxa fejn jindika jekk kellux cargo jew le u l-amendment sar b'biro blue u flokk NIL jidher li gew insertjati li kien hemm 46 boxes cigarettes rem on board. Jghid li b'*rem*' hu fehma bhala abbreviation ta' *remaining* on board. Jghid li kien ra d-dokumenti originali. Jghid li abbazi tan-nota staqsa lil Kaptan u qallu li ghandu sigaretti abbord, qallu li ghandu 46 cartons bhal ma kien hemm indikat fl-*amendment* u minn hemm talbu biex jaghtih izjed informazzjoni rigward dawn is-sigaretti. Jghid li staqsieh jekk ghandux Cargo Manifest u ma kellux. Jghid li suppost ikollok il-cargo manifest biex tipprezentah id-dwana u fil-cargo manifest trid tindika minn fejn originat kif ukoll ghal min tkun destinata l-konsenja, il-consignee. Jghid li f'dan il-kaz, la kellu dokument, la qaltilhom verbalment min kien il-consginee u staqsieh minn fejn originaw dawn is-sigaretti, jghid ghal bidu qal li gabhom minn Mizurata u wara ftit qalilhom li originaw minn Cipru. Staqsieh ukoll kemm kienet il-konsenja originali u qallu li kienu elf kaxxa. Jghid li x'hin staqsewh x'ghamel bil-parti l-kbira tal-konsenja, qalilhom li t-trasferihom fuq vapur at high seas u ma kienx f'pozizzjoni li la jtihom l-isem tal-vapur, la jtihom l-mezz kif thallas u lanqas jekk kellux xi dokumenti 'lankati' ma' din it-transaction. Staqsieh ghandux flus abbord u r-risposta tieghu kienet fin-negattiv ukoll.

Jghid li fic-cirkostanzi kkuntatja lill-Ispettur Gafa' fuq it-telephone, infurma lil kaptan tal-lanca li dawk is-sogaretti kienu ser jelevawhom ghal izjed

investigazzjonijiet. Jghid li '*wara ghamilna runage fuq il-vapur u sibna kwantita*' *ta*' *sigaretti li kwazi kienet taqbel ezatt mal-46 li kien hemm imnizzel fuq id-dikjarazzjoni. Elevajnihom. Tajnih ircevuta u dahhalna s-sigaretti dil-fond tad-Dwana.*' Jghid li waqt l-operazzjoni kien hemm membri tal-Forzi Armati ta' Malta li skortaw il-lanca sakemm dahlet minn barra 'l port u hadmu maghhom waqt li kelmu lil Kaptan u anke waqt li ghamlu r-ramage u elevaw x-xoghol. Hu kkonferma li tela fuq il-lanca tieghu u ra lilu u l-crew irgiel, minghalih kienu xi tlieta. Jghid li ghandhom il-crew list, hemm id-date of birth u nazzjonalita taghhom. Jghid li huwa stazzjonat fis-sezzjoni tal-Infurzar fl-Enforcement Unit. Jghid li l-parti indikati bin-numru tlettax (13) bil-linka differenti mill-kumplament. Mistoqsi kinitx din biss linka differenti jew kienx hemm xi haga ohra fuq id-dokument jghid li jidhirlu d-data kienet emendata-in-numru tal-gurnata.

In kontro-ezami mistoqsi jekk jiftakarx li l-imputat qallu '*Jien dan id-dokumenti tal-Cargo Manifest u provenjenza, kollox ghandi.*' wiegeb '*Li qalli hekk iva imma meta jiena tlabtu ghal Cargo Manifest, fejn jigi indikat specifikament minn fejn originaaw kwalunkwe konsenja u ghal min tkun destinata, dak id-dokument, u izjed u izjed dik l-informazzjoni lanqas verbali ma*' *seta*' *jtijieli.*' Ikkonferma li l-imputat qallu '*Iva, jien dokumenti u Cargo Manifest kollox ghandi*' jghid li effettivament ma producih qatt l-Cargo Manifest.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) rega xehed **Jerome Azzopardi** fejn mistoqsi jekk l-istruzzjonijiet kienux f'idejh jekk huwa kien qed jaghti l-ordnijiet lil Ufficjali tad-Dwana l-ohra wiegeb li mhux ezatt. Jghid li kien in charge mis-Section tal-Infurzar. Jghid li barra s-section tal-infurzar, kien hemm zewg ufficjali ohra involuti f'dan il-kaz, l-ufficjali Saviour Balzan Duty Officer il-Baggage u s-Senior Customs Assistant Martin Grima li kien qieghed iservi l-Baggage Room ukoll. Dawn ma kienux jaqghu taht is-sezzjoni tax-xhud. Jghid li huma ghandhom xoghol differenti, procedura differenti u huma sezzjoni tal-infurzar. Jghid li jiftakar li hadu ritratti ta' fejn instabu s-sigaretti. Mistoqsi jekk hadux ritratti ta' welding tad-dghajsa jghid li ma jafx dwarhom. Mistoqsi jekk it-tfittxija abbord kinitx ghal xi armi jew drogi jghid li meta jitilghu abbord, it-tfittxija ghalkemm kienet okkupata fuq sigaretti, it-tfittxija ssir in generali u jekk ikun hemm xi affarijiet jew xi items li huma

llegali awtomatikament jigu elevati. Jghid li qatt ma jkunu specifici ghal xiex ha jfittxu. Jghid li sa fejn jaf hu armi jew drogi ma ssemmewx specifikament.

Fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Saviour Balzan** li qal li kien duty officer l-Baggage Room taht id-dipartiment tad-Dwana. Jghid li kien night duty bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April tal-elfejn u tnax (2012), ircieva telefonata minghand l-agent li kien diehel fishing trailer gej ghal pratka minn Misurata, semmielu l-isem Maria Mania u qallu jigi biex jaghtuh il-pratka. Jghid li dak kien xi l-ghaxra u nofs. Jghid li d-dghajsa kienet xi 10 metri 'l barra mill-jetty u kif wasalna ezatt fil-karozza, sema lehen jghid "*Hawn tad-Dwana*". Jghid li din id-dghajsa kienet waslet kwazi, qisha stazzjonata, wieqfa diehla. Fil-hin din bdiet riesqa 'l barra. Jghid li dak il-hin assuma li peress li gej il-moll gej dritt u mbghad fuq barra, dan ha jorbot fuq quddiem mhux fejn hemmhekk. Hallih. Kif rah li hemmhekk ma dahrx, kien hemm l-agent tas-Seanaf Joseph Said u x-xhud qallu "*Isma' dan x'qed jigri?" 'Ghidltu "Dan x'gara?" Qalli "Ghax qalli li gratlu xi hsara." Ghidtlu "Gratlu xi hsara, wasal hawnhekk? Iktar kien facli jorbot mal-moll milli johrog 'l barra*"'. Jghid li qabad il-karozza u mar biex jaghmel kuntatt ma ta' fuqu ghax jaghmlu mal-Enforcement u sakemm wasal ircieva telefonata mill-gwardjan li kien hemm fil-Baggage Room fejn dan infurmah li cemplulu mit-turretta li d-dghajsa kienet hierga 'l barra. Jghid "*Ghidtlu "Ghax ghandi ma wasaltx", ghidtlu "Aqbad u cempel lill-Inspector Jerome u infurmah b'din il-haga*". Jghid li dan hekk ghamel u mbaghad ix-xhud ghamel kuntatt mal-*Inspector* u qallu le, cempel it-turetta u nfurmahom li ghandhom jidhlu, li ghandhom jinfurmaw tal-petrol boat u ghandhom idahluh huma. Jghid li f'xi s-siegha u nofs kienu rcievew xi telefonati u dawn intercettawh u regghu marru biex ix-xhud jaghmel dak ix-xoghol li kellu jaghmel tal-pratka. Telghu abbord xis-saghtejn u l-agent ipprezentalu d-dokumenti tal-pratka. Jghid li f'xhin minnhom qallu li ghandu *46 boxes remaining. Xehed 'ghidtlu "imma 46 boxes, dan hareg bihom minn hawn Malta? Xtrahom minn hawnhekk? Gie bihom lura?" Qalli "Ma nafx. Issa nsaqsu lilu". Fil-fatt imbghad saqsejna lill-owner tad-dghajsa u dan qalilna li l-ewwel kien xtrahom minn Misurata, dawn is-sigaretti. U jien peress li ghidtlu li kienu 46 remaining assumejna li la remaining, kien hemm xi haga iktar. U saqsejnih, dak il-hin konna jiena u l-Inspector Jerome ma' gembi, kemm kienu attwalment, originarjament dawn.'*

Jispjega li meta tela' fuq il-vapur baqghu sejrin fil-gabina, jghid li il-pratka xi haga normali jaghmluha. Jghid li sabu lis-sid li gharaf bhala l-imputat, il-kaptan tad-dghajsa. Jghid li kien hemm l-agent tas-Seanaf, Joseph Said dak il-hin.

Jghid li hu qalilhom li l-ewwel kienu tlett elef metru kubu dawn is-sigaretti u x-xhud qal lill-Ispettur '*Isma' sigaretti ma jinxtrawx bil-kubu*'. Jghid li qalilhom elf kaxxa. Meta staqsewh ghalfejn gew sitta u erbghin (46) u qal li bieghhom fuq dghajsa. Jghid li meta kompliet id-diskursata rrizulta li dan ma kienx xtrahom minn Misurata. Jghid li kien qalilhom li xtrahom minn Cipru s-sigaretti u attwalment kien hemm vapur li ltaqa' mieghu f'nofs ta' bahar li dan ghaddihom lilu u dahal b'sitta u erbghin (46) lura. Jghid li saret it-tfittxija, ghamlu runage biex bhal speci jaraw u nstabu li kien hemm dawn is-sigaretti li sa fejn jaf hu lanqas kien sitta u erbghin (46). Kien xi hamsa u erbghin (45), jghid li r-*retain* ma ghamiliex hu. Jghid li dak il-hin li marru ghal lanca kellu d-driver mieghu u kien hemm Pulizija. Jghid li kien hemm Rafel Buttigieg id-driver tad-dwana u l-Pulizija tal-Immigration Chris Bartolo.

Mistoqsi dwar id-diskors "Hawn tad-Dwana", spjega li qisu xi hadd biex javzah li hawn tad-Dwana, jghid li dak il-hin kien fil-karozza fuq il-moll. Jghid li kienu waslu qed jaraw id-dghajsa. Jghid li d-diskors kien gej bejnu u bejn id-dghajsa ghax kien hemm trailor u warajh kien hemm tnejn minn nies. Jghid li dak il-hin kien hemm dak tas-Seanaf, l-agent u kien hemm persuna ohra ma jafhiex. Ma jafx min qalu imma jahseb li minn fuq il-moll, bejnu u bejn id-dghajsa. Mistoqsi jekk kellimhomx f'xi hin dawn in-nies, jghid li le wiehed minnhom huwa l-agent u mbghad attwalment tela' abbord, x'hin taw il-pratka. L-iehor ma jafux. Jghid li hu telaq biex imur icempel u x'gara wara ma jafx.

Mistoqsi kif kien liebes, jghid li ghandu l-glekk uniformi u l-karozza ghandha indikazzjoni tad-Dipartiment tad-Dwana. Mistoqsi jekk fin-normalita' jekk imorru fuq il-post ghal pratka ghal kull lanca li tidhol qal li meta tkun gejja dghajsa minn barra l-EU, normalment imorru imma ikun hemm drabi fejn jinqabdu, ma jkollhomx bizzejjed xuffiera allura ma jkunux jistghu jmorru. Jghid dak in-nhar setgha jmur u mar. Huwa prezenta d-dokumenti immarkati bhala Dok SB, Dok SB 1, Dok SB 2 u Dok SB 3. Jghid li l-pratka hija l-informazzjoni kollha minn fejn ikun gej bhala Cargo.

Mistoqsi jekk id-dokument inkietibx, quddiemu wiegeb li le. Jghid li d-dokument tahulu l-agent tad-dghajsa Joseph Said. Gie mistoqsi dwar kaxxa numru 13 dwar '*Brief Description of the Cargo*' fejn kien hemm il-kelma *NIL* maqtugha b'linka blu u mbghad hdejha '*46 boxes rem on board.*' Jghid li ghalhekk saqsa "*Isma' hawnhekk fuq is-sigaretti hux hekk kienet qabel*". Jghid li jasumi li jekk hemm Cargo, telaq bih. Jghid li ma staqsiex dwar il-bidla kif minn NIL gie sitta u erbghin (46), lanqas ma staqsa dwar id-data fejn ix-xahar u sena b'linka sewda u l-gurnata 16 bil-linka blu.

Jghid li kien diehel fil-hmistax (15), wasal u rega' dahal. Jghid li x'hin mar fuq il-post kienu fil-hdax u xi haga. Qalbet il-gurnata u gew ikkuntatjati f'xi siegha u nofs li sar il-kuntatt mad-dghajsa. Spjega li qalulhom li kienu sabuha xi seba' mili 'l barra minn x'imkien, jidhirlu Wied il-Ghajn, lejn il-fish farms imbghad kienet dahlet f'xi saghtejn, x'hin marru fuqha.

Jghid li t-timbri hija x'hin imur hu, jghid li jdahhallhom il-karti, ghandu ktieb u jdahhal dettalji bhal l-isem tad-dghajsa, il-vapur, in-nazzjonalita, ta' min hu s-sid bhala fuq min hija registrata u fejn tkun marbuta, u min hu l-agent. SB1 hija s-shift declaration bhala store list jigifieri li jkollu abbord li huwa tieghu personali fejn kieteb li kellu zjut. SB 2 hija l-crew list u l-SB3 oggetti tal-crew on board li jkollhom dutable. Carmelo Grech ma kellu xejn u crew ohra kellhom.

In kontro-ezami jghid li dak in-nhar hadt ma tah struzzjonijiet biex imur. Jiddeciedi hu x'jaghmel u x'ma jaghmilx. Jispjega li '*dak in-nhar, cempel tas-Seanaf u d-diskors kien, qalli "Isma' jiena ngiblek il-karti? X'naghmlu?" Ghidtlu "Le", ghidtlu "issa...u gejjin il-pratka". Ghax kif spjegajt qabel, kien hemm drabi fejn ma morniex ahna ghax ma kellniex bizzejjed. Issa dak in-nhar kellna n-nies*'. Jghid la kellhom in-nies, kellu jmur. Jghid li tas-Seanaf, kull ma mexa mal-procedura li hi procedura li suppost kulhadd jaghmilha meta tkun diehla dghajsa minn barra. Jghid li l-agent hu obbligat li jinfurma id-Dwana. Mistoqsi x'kien id-diskors li qallu fuq it-telephone tas-Seanaf wiegeb '*Tas-Seanaf lili qalli "Isma' x'il-hdax diehel Maria Mania minn Misurata. Inti gej inti jew ingiblek il-karti?" Ghidtlu "Le illum ha nigi jien.*' Ikkonferma li tas-Seanaf kien jaf li x-xhud bhala Ufficjal tad-Dwana dak in-nhar mill-hmistax (15) ghas-sittax (16) kienu ha jigu.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Raymond Caruana** Ufficjal tad-Dwana, enforcement. Jghid li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) nizlu *fuel ward* u kellhom lanca Maria Mania diehla skortata mill-Patrol Boat. Huma niezlu fuq talba tal-Ispettur tieghu Jerome Azzopardi. Jghid li kienu fuq bicca xoghol ohra u qalulom li kien hemm lanca, li waqt li kienet qed tinghata l-pratka regghet harget u kellha terga' tidhol skortata. Jghid li mar u l-lanca dahlet bejn wiehed u iehor f'xi siegha neqsin ghoxrin, is-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu. Jghid li assista lill-Ipsettur tieghu waqt il-prezentazzjoni tad-dokumenti. Jghid li wara li lestew minn din il-bicca tax-xoghol, niezlu jaghmlu remage isfel fl-istiva hu u assistih Ronnie Azzopardi fil-prezenza tas-sid tad-dghajsa li kien qed jipprezenta d-dokumenti tad-Dwana u kien hemm is-Surgent Brimmer tal-Armata. Huwa indika lill-imputat bhala s-sid tad-dghajsa. Jghid li nizlu fil-friza u sabu ammont ta' sigaretti. Jghid li '*Hu ddikjara, fuq id-dikjarazzjoni tad-Dwana ddikjara 46 kaxxa sigaretti. Ahna fl-istiva sibna 44 kaxxa walton bil-hamsin kartuna l-wahda jkunu dawn, kaxxa wahda Capital u mbghad sibna kartuna loose 15 Walton by 200 cigarettes each u 18 Capital.*' Huwa prezenta l-ircevuta mmarkata bhala Dok. RC. Jghid li d-dokument kitbu hu bid-dettalji tas-Sur Grech kollha, iffirmah hu u ffirmah is-Sur Grech bl-ID card.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Richard Briscoe** li qal li stazzjonat enforcement fid-Dwana. Jghid li f'dan il-kaz kien xoghol l-airport, u l-Ispettur Jerome Azzopardi cempillu fis-siegha neqsin ghoxrin biex jassistuh biex issir tfittxija fuq lanca Maria Mania. Jghid li kien hu u l-kollega tieghu Brian Grima. Jghid li kien hu, l-fizjal Salvu Balzan u s-Surgent tal-Forzi Armati Marittima Brimmer u telghu. L-irwol tieghu kien biex ifittxu fil-gabini tal-crew. Jghid li fil-gabina tal-crew ma sabu xejn u ma kienx involut f'tfittxijiet ohra. Jghid li kien is-sittax (16) ta' April fejn l-Ispettur Jerome Azzopardi cempel ghas-siegha neqsin ghoxrin. Jikkonferma li kien hemm sid il-lanca u l-crew biex dahluhom fil-gabini. Huwa gharaf l-imputat bhala s-sid tal-lanca. Ma kienx involut fit-tfittxija tas-sigaretti li kienu gol-friza.

Xehed **Brian Grima** fl-istess seduta li qal li huwa Assistent Anzjan fl-Enforcement Dwana. Jghid li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) f'xi hin wara nofs il-lejl kienu l-Airport hu u s-Sur Briscoe u gew infurmati minn kollegi taghhom li ghandhom bzonn jaghmlu tfittxija fuq lanca u nizlu mill-Airport jassistuhom. Il-lanca kienet Maria Mania u kellu ordni mis-Sur Jerome Azzopardi biex ifittex fuq il-gabina tal-crew. Jghid li fil-gabina ma sab xejn umbaghad gie ordnat biex imur jibdel il-karozza u jgib vann biex igorru l-affarijiet li nstabu fil-friza. Jikkonferma li s-sid tad-dghajsa li hu indika bhala l-imputat kien prezenti waqt it-tfittxijiet. Jghid li hu kien ordnat fuq fil-gabina jigifieri fuq barra, ma dahalx fil-gabini gewwa.

Fl-istess seduta xehed **Ronald Azzopardi** li qal li l-kariga tieghu fid-Dwana hija dik ta' Senior Customs fl-Enforcement Unit. Jghid li dak in-nhar kien hu u l-Fizjal tieghu Raymond Caruana, inzertaw kienu xoghol flimkien fuq barra u cemplulhom wara nofs il-lejl li kienet diehla lanca biex jaghmlu remage fuqha. Din kien jisimha Maria Mania. Dahlet u kienet assistita mill-Patrol Boat. Jghid li tela' l-Ispettur taghhom u l-Fizjali. Jghid li ma kienx ghadu fuq il-pont u mbghad tela' u mar hu u l-Fizjal Raymond Caruana u ghamlu remage fil-friza taghhom u kien hemm is-sagaretti hemmhekk. Huwa gie muri dokumenti RC, jikkonferma il-brand ghax kien hemm Walton imma l-ghadd ma ghoddhomx. Jghid li isfel kien hemm membri tal-AFM u kien hemm tal-crew. Ma jidirlux li l-kaptan kien prezenti. Huwa gharaf is-Sur Grech.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk mill-bidu li dahlet il-lanca kien prezenti wiegeb li fuq il-moll. Mistoqsi biex jikkonferma li l-imputat stess qalilhom bis-sigaretti, ma kienux mohbija. Mistoqsi li qalilhom biex jinzlu isfel wiegeb '*U nzilna u sibna s-sigaretti.*' Jghid li assista l-fizjal tieghu li qallu biex jinzlu isfel biex jaghmlu remage u hemmhekk kien hemm is-sigaretti. Jghid li Remage tfisser tara x'hemm u m'hemmx. Jghid li l-istruzzjonijiet jiehodhom minghand il-Fizjal tieghu, hu ma kellimx lil ekwipagge jew lil Kaptan tad-dghajsa. Hu ma semghax diskors bejn il-kaptan jew l-ekwipagg mas-senior tieghu. Jghid li l-Fizjal, is-superjur tieghu u l-Kaptan kienu abbord.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Martin Vella** li qal li jahdem id-Dwana bil-kariga ta' Senior Customer Assistant fuq lanca u jduru fil-port biha. Jghid li kien fil-baggage

room fejn kien hemm il-Fizjal jaghti l-pratki u kien wahdu u rcieva telefonata minghand it-turetta tal-port li avzawh li l-lanca in kwistjoni kienet se torbot u ghal xi raguni jew ohra kienet ser terga' tohrog il-barra. Jghid li hu avza lill-Ufficjal tieghu li kien fuq il-post jistenniha bil-mobile, illi t-turetta cempillu u qallu li dan ser jerga' jitlaq 'l barra mill-port. Jghid li eventwalment qallu li kellu xi hsara x'imkien u l-Fizjal tax-xhud is-Sur Saviour Balzan qallu biex jinforma lis-Sur Jerome Azzopardi li huwa Inspector in charge mill-Enforcement Section u mbghad hadu l-kaz f'idejhom. Jghid li hu qatt ma mar fuq il-post, la ra il-persuni u lanqas il-lanca. Ircieva telefonata u ghamel zewg telefonati bhala procedura normali.

In kontro-ezami jghid li l-ewwel t-turetta bghatet telefonata li ma hadiex hu bhala procedura. Jghid li kull qoxra tal-bahar li tkun diehla fit-teritorju Malti, it-turetta tavza ghaliex taghmel kuntatti, jghid li ma ghandhomx minn fejn hi gejja u fejn ser torbot. Jghid li mar il-Fizjal in kwistjoni s-Sur Saviour Balzan fil-post fejn kellha tihdol u hu baqa' fil-baggage room. Jghid li ircieva telefonata minghand it-turetta ghax ovjament qeghdin jaraw kollox. Qallu "*Isma' dik il-lanca mhux ser torbot hemmhekk, ser terga' tohrog mill-port*" Staqsieh ghaliex u qallu ghax zvilupatilha xi hsara. Ix-xhud qallu li se javza lil Fizjal tieghu li qieghed fuq il-post ghax inkellha ha joqghod jistenna ghal xejn. Mistoqsi jekk awtorizza lil Kaptan jerga johrog mill-Port wiegeb li ma jafx. It-turetta lilu avzah li ser jiccaqlaq. Jghid li t-turetta kienet infurmata li hu ser jitrakka fil-post in kwistjoni pero' minhabba li t-turetta qallu li l-Kaptan qallu li zviluppatlu xi hsara, ser johrog barra l-port. Jghid li dmir tieghu li javza lill-Ufficjal tieghu li kien qed jistenna hemm. Ikkonferma li lill-Ufficjal tieghu Saviour Balzan qallu din l-informazzjoni rceviha mit-turetta.

In ri-ezami jghid li l-kuntatt mat-turetta sar bit-telephone.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) gie vverbalizzat li '*Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ghandha bhala xhud lill-PS 474 Norbert Said relattiv ghall-istqarrija irilaxxata mill-Ufficjal Prosekutur. L-imputat fil-prezenza ta' l-avukat difensur difensur jiddikjara li l-istqarrija li huwa irilaxxa hija dik li hi u ma hemmx il-htiega li jixhed PS474.*'

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Raphael Buttigieg** Senior Assistant u Senior Customs Assistant tad-Dwana. Dwar il-kaz ta' bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Jghid li kif waslu ezatt kien hemm xi hadd u qal '*Hawn tad-Dwana*'. Ma jafx min qal hekk. Jghid li lanqas idea ma ghandu ghax kienu xi tlieta. Jghid li '*Ma nafx kemm kienu imbghad f'daqqa wahda dik il-lanca bdiet titrakka. Kif rat lilna harget 'l barra. Kif harget 'l barra ahna qaghdna nistennew, ghidna forsi terga' tidhol lura din il-lanca. Ma dahlitx lura, u baqghet sejra. Imbghad ahna sadanittant morna biex incemplu.*'

Jghid li marru La Battarie Ras Hanzir li jigi n-naha l-ohra, mhux boghod. Marru jcemplu, tat-turetta qalilhom li hiereg 'l barra imbghad stennew ftit u marru l-Baggage Room biex jistennew biex terga' tidhol lura l-lanca. Jghid li meta bdew jistennew qalilhom li jistghu imorru ghax diehla lura l-lanca u ghadu jistennew biex tidhol il-lanca. Jghid li kif dahlet, kien hemm is-suldati, il-patrol boat ma' din id-dghajsa. Kien hemm il-Pulizija u ghadu jistennew. Ir-rwol tax-xhud kien li jwassalhom biss. Jghid li d-dghajsa kienet kwazi trakkat, kienet vicin, u meta regghu ircevew struzzjonijiet biex imorru lura kienet fil-post fejn originarjament kienet se titrakka.

In kontro-ezami qal li tat-turetta jghidilhom jekk jidhol xi vapur jew lanca. Jghid li kien hiereg 'l barra, telaq il-barra u irraportaw li hiereg 'l barra. Mistoqsi '*Mela ghalfejn kellkom, kien hemm xi haga stramba? It-turetta qed tavzakom li ser johrog, kien hemm xi haga?*' wiegeb '*Jien ma nafx.*'

In ri-ezami jghid li l-lanca jisimha Mae Yemanja. Jikkonferma li kien fuq il-post u rahha tinqala d-dghajsa. Jghid li peress li d-dghajsa hierga l-barra marru biex jaraw x'ser taghmel din il-lanca u riedu jirrapurtaw.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Christopher Brimmer**, Surgent 86297 dwar il-kaz ta' bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April fejn qal li fil-hmistax (15) ta' April kien ghassa erbgha u ghoxrin (24) siegha u ghal habta ta' nofs il-lejl jew neqsin kwart, gie infurmat mill-operation centre tal-AFM li kien hemm il-lanca Mae Yemanja rregistrata Malta li din telqet mill-port wara li ppruvat timmolja gol-post stess u ndunat bil-prezenza tad-Dwana.

Ghal habta ta' nofs il-lejl lemah din il-lanca fl-inhawi tal-fish farm tan-naha t'isfel tmien (8) mili 'l boghod mill-Port il-kbir, li jigi sitt (6) mili bejn wiehed u iehor u beda jaghmel il-'*verbal challenge mal-Kaptan*.' Qal li beda jitolbu certu informazzjoni. Talbu ghaliex telaq u qieghed f'dik l-inhawi u qallu li qieghed fuq trials ghax kellu xi hsara. Aktar tard l-operation centre, xi nofs siegha wara talbet lix-xhud biex il-call sign idahhalha l-port, timmorja ghal iktar investigazzjoni. Wara li rabat, ix-xhud mal-Customs tad-Dwana telghu abbord. Bdew jiccekja l-affarijiet taghhom u qabel ma bdew it-tfittxija ma tal-AFM mad-Dwana, tallbu jekk kellux xi haga x'jiddikjara u il-Kaptan Carmelo Grech infurmahom li ghad fadallu sitta u erbghin (46) boxes u dan kif qalilhom li ghad fadallu, staqsewh minn kemm. Qal li mill-post li telaq hu mill-Grecja telaq b'elf kaxxa u talbuh jghidilhom x'sar mal minnhom il-kumplament u qalilhom li fl-ibhra territorjali bieghhom.

Talbu lil min bieghhom, x'kulur kienet il-lanca, beda jghidilhom ghax dlam u wara ftit ikkonkluda li xtaq ikollu l-Avukat biex ikompli jaghtih l-informazzjoni. Jghid li l-inspection kien qed jaghmilha mal-Inspector Jerome Azzopardi minn naha tal-Customs. Fuq il-lanca sab lil Kaptan, l-crew u t-tifel tas-sid li talbu biex jinzel sakemm jaghmlu l-affarijiet taghhom peress li ma jitla hadd qabel ma jaghtu l-permess huma, biex ma jtellifx. Jghid li kienu ghadhom lanqas telghu. Jghid li '*X'hin rabat u kollox ovvjament ghax tah il-hbula u kollox, tela*'.' Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-kaptan. Huwa kkonferma li l-Kaptan qallu li kien qieghed on trial ghax kellu xi hsara. Id-dghajsa dahlet wahedha ma gietx irmunkata. Jghid li dahlitlu ordni. jghid li wara li ghamel kuntatt mieghu u ghamillu l-mistoqsijiet tieghu biex jara ghalxiex qieghed hemm u qallu li kellu l-hsara, nofs siegha wara li lestha dawk l-affarijiet mill-operation centre tal-AFM tawh informazzjoni biex idahlu l-port. Jghid li huma u d-Dwana ghamlu stocktaking meta telghu abbord. Jghid li '*Bhala figuri sibna 44 kaxxa b'50 pakkett f'kull kaxxa. F'kaxxa ohra b'50 kartuna, 15 b'10 pakketti u 18 b'10 pakketti l-istess*' Jghid li tat-tip Walton u Capital.

In kontro-ezami jghid li l-ordnijiet tieghu jiehodhom mill-operation centre. Mistoqsi dwar ikunx qieghed jisma' '*in the background*' bil-VHF, jghid li ikollu biex jisma'. Jghid li ma semax xi haga b'referenza ghall-*operation* li kienu qeghdin jaghmlu. Jghid

li mit-turetta xejn. Kull ma sema hu '*l-komunikazzjoni jigifieri x'hin ghamel ovvjament u biex jidhol permess biex jidhol il-port, is-sistema kif suppost*'. Mistoqsi jekk semax komunikazzjoni mat-turetta li qed tawtorizzah johrog biex jaghmel is-sea trials wiegeb '*Negattiv*'. Jghid li kien stand by u ma jaghmilx '*24 bil-lejl fuq id-dingy ghassa mar-radio*'. Jghid li kien fuq dingy ta' tlieta u tletin (33) pied bl-interceptor. Jghid li dahal vicin mieghu imma ma nizilx minn fuq id-dghajsa '*habba l-kundizzjoni tal-bahar ma setghax jaghmel il-boarding hemm barra.*' Jghid li kellmu bil-VHF u li meta telghu abbord talbuh jekk ghandux x'jiddikjara. Ikkonferma li kienet ghada ma bdiet l-ebda tfittxija.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **PC450 Christopher Bartolo** li qal li kien xoghol night watch bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April fejn gie ufficjal tad-Dwana Salvu Balzan li qallu li diehla dghajsa minn barra s-Schengen li ha jmorru pratka fuqha. Marru Fuel Wharf bil-karozza mad-Dwana. Kif waslu Fuel Wharf jghid li lil vapur Mae Yemanja rawh ha titrakka mal-moll. Jghid li kien ftit distanza 'l boghod mill-moll. Kif waslu ezatt semghu lil xi hadd minn wara jghid "*Waslu tad-Dwana*". Jghid li dak il-hin ra dghajsa tregga' lura, gibed lejn il-bokka, il-ponta tal-port 'l barra. Jghid li dak il-hin marru biex icemplu lit-turetta biex javzawhom forsi kien hemm xi problema u l-ufficjal tad-Dwana talab lit-turretta biex tiehu hsieb dan il-kaz ghax ma setghux imorru warajh bl-ebda raguni. Jghid li marru lura l-ufficju tahhhom u mbghad ghamlu kuntatt mat-turretta u mbghad ghal habta tas-saghtejn regghu marru ghax qalulhom li dahhluh is-suldati. Jghid li x-xhud tela fuq id-dghajsa, jghid li telghu normali bhala immigration, pratka, kien hemm xi haga fuq xi passaport u mbghad qalulu biex *jiddilja* l-ghada fuqha ghax essacc minn naha tal-immigration ma kellux problemi kbar. Kienu fuq il-moll meta raw id-dghajsa diehla lura bis-suldati skorta maghha. Ma jiftakarx li kienet imwahla mal-patrol boat imma jaf li kien hemm zewg dghajjes. Speed boat u jekk mhux sejjer zbal patrol boat. Jghid li jimmagina li ghaddew saghtejn bejn wiehed u iehor bejn meta raw id-dghajsa ghal meta regghet dahlet.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Victor Muscat** li f'April elfejn u tnax (2012) kien jokkupa l-kariga ta' VTS Operator it-

turetta. Jikkonferma li kien prezenti waqt l-ghoti ta' zewg jew tlett xhieda qablu. Jahdem ma' Transport Malta bhala VTS Operator jigifieri l-vapur li jidhlu jinfurmawh, itihom il-permess biex jidhlu. Jghid li jsaqsihom minn fejn gejjjin u bhala standing procedures u dawk li jigu barra mill-UE jghidilhom, icempel lil Customs u jghidilhom hemm tali dghajsa, Mae Yemanja f'dan il-kaz. Jghid li f'dan il-kaz cemplilhom li ser tidhol fil-port u dahlet fil-port 2237. Jghid li meta tghid li se tasal dejjem jitlob last port of call u minghalih li kienet tripoli. jigifieri jircievi messagg mid-dghajsa. Il-messagg kien li diehel fit-tali hin u gej minn offshore Libya. Saqsih ghandux passiggieri jew crew biss. Hu nforma lil Customs fejn ha jasal u fejn ser jorbot fil-Fuel Wharf. Jghid li ghandhom login minbarra l-SOP, jghid li g hax dak ma hemmx ghalfejn tollogajhom, jillogjaw kollox x'qed jigri u x'ma jigrix. Jghid li wara l-break water ma ghandux ghalfejn jibqa' jikkomunika la tara li mar fil-post tieghu propja kif suppost. Jghid li qisu l-hdax u ghaxra l-Mae yemanja qaltlu li ghandha xi hsara, '*problem with pitch propellers u ser terga' tmur lura 'l barra biex tikklirja l-problema speci ghal sea trials u ahna ntuhom il-permess ghax meta jkun hekk ittihom permess illi tohrog. Ovvjament infurmajt lil Customs ergghajt illi din ser terga' tohrog u ftit wara cempel l-Customs, l-Enforcement u qalli illi dik kienet ser titrakka u meta raw il-Customs Officers jistennewha telqet lura l-barra. Ovvjament ghajjatilha, ghidtilha biex tibqa' gol-port, ma tistax tohrog, la kelli dak minnhom.*' Mistoqsi kellmux xi hadd jghid li le, kuntatt ma kellux maghhom, assolutament xejn. Jghid li ghajtilha kemm il-darba ma wegbitux. Jghid li '*Imbghad bhal speci l-AFM ghax jiena infurmajt lill-AFM ukoll, kif appena ma tobdix l-instructions tieghi biex tibqa' gol-port, infurmajt lil ta' l-afm. L-uniku kuntatt maghha li kelli, qed nghid issa hawnhekk, qaltli li diga barra mill-break water. Ghandi l-hin hawnhekk jigifieri. Illi l-patrol boat qalli li ser jibghat patrol boat, dahlet fil-port u ma rat xejn. kinet diga harget f'dan il-kaz. Imbghad l-.. room infurmawni li raw target u li jahsbu li hi. ovvjament marru jiffolowjawha u lahquha xi 8 jew 9 mili 'l barra mill-Belt, fejn dik li nghidulha area 3, naqra 'l fuq mill-fish farms.*'

Jghid li l-Customs infurmawha fil-11:16 minuta illi kienet ser titrakka u telqet 'l barra. Jghid li '*Ghajjatilha to remain inside u qaltli li diga harget. Kienu 23.19. Tlett minuti jigifieri, erba' minuti kien hemm. Ovvjament sakemm infurmawni u hekk forsi ghadda ftit hin.*'

In kontro-ezami mistoqsi '*Jigifieri inti tikkonferma li inti, fuq it-talba tieghu, li kellu problemi fil-pitch tajtu awtorizazzjoni cara li hu jista*' *johrog?*' wiegeb '*Iva jista*'. *F'dak il-kaz ahna ntuhom ic-cans illi jistghu jergghu, jekk ghandu l-hsara, jiena ovvjament, jiena rajtha stramba ghax dak li jkun bil-hsara, jibqa*' *gewwa u mhux johrog 'l barra imma dan qalli li ried jikklijra xi haga fil-pitch, ghidt mela ha nhallih johrog.*' Jikkonferma li tah permess '*Tajtu permess. Ma nistghux ma ntuhx permess. ovvjament ninforma dejjem lil Customs f'dak il-kaz.*' Huwa esebixxa dokument DOK VM. Jghid li meta javza l-ewwel darba d-Dwana ma jillogawx izda jillogjaw meta jkun hemm xi haga li mhix normali. Jghid li '*F'dan il-kaz it-tieni darba, x'hin il-Customs qalli illi ser jipprova jitrakka. Jiena bil-fors kelli ninfurmahom. Fil-fatt imbghad qalli li dik ghalhekk. Kif appena tajtu l-permes sabiex jerga*' *johrog, jiena irrid ninforma bilfors lil Customs. F'dan il-kaz minhabba li kienet repetition, illogjajtha. pero' bhala standing procedures, l-ewwel darba ma nillogjawhiex ghax normali. Anke jottijiet jigifieri li jigu barra mill-UE, irridu bilfors ninfurmaw lil-Customs.*'

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Joseph Said** li jirraprezenta lil kumpanija Sinav[11] bhala agenti imqabbdin mis-Sur Grech biex jaghmel il-formolitajiet ta' dhul tal-lanca. Jghid li l-procedura hi li trid tintela IMO form, dikjarazzjoni mill-agent. Jghid li f'dan il-kaz minnha bhala Sinav[12] u jmorru jaraw li d-dhul tal-vettura tal-bahar imur smooth u ma jkunx hemm problemi. Jghid li d-dokument jimtela bhala registrazzjoni tal-qoxra kollox provdut mill-klijent, f'dan il-kaz Carmelo Grech. Jghid li minn ghandu igibu l-informazzjoni. Minn fejn ikun gej u l-hin ta' dhul. Jghid li f'dan il-kaz '*Jidirli li kien parti mimli diga, minn kollega tieghi. Inhallu xi dettalji li nkunu nafuhom iktar tard bil-hin. Cioe l-hin, jekk titarjda ftit, tkun trid tintela izjed tard bhal xi dettalji ohra.*' Spjega li '*Jiena kont inkarigat illi ninzel ix-xatt biex nara illi issir pratka, il-pratka tikkonsisti filli d-dwana jigu abort u gieli tigi l-pulizija wkoll, skond in-necessita*'. *Ahna ninfurmawhom. Din hija procedura normali li l-lanca vapur diehla diehla u dan ghamiltufi xhien kienet waslet break water, biex dak li jkun ikollu l-hin bizzejjed biex jekk ikun irid jigi fuq il-moll jilhaq.*' Jghid li nfurma lid-dwana u niezel fuq il-post. Hu mar qabel. Ma jiftakarx jekk kienx hemm Darren, it-tifel tas-Sur Grech pero' eventwalment gie bil-vettura tieghu. Huwa gharaf lill-imputat bhala s-

[11] Din skont l-atti trid taqra 'Seanav Maritime Services Limited'.
[12] Din skont l-atti trid taqra 'Seanav Maritime Services Limited'

Sur Grech. Jghid li jafu strettament fuq dan ix-xoghol. Jghid li saru xil-hdax ta' filghaxija u bdiet tapprocja l-lanca, giet qrib il-moll. Jidhirlu li lehqu gew Darren u gew id-Dwana. Jghid li kif id-dghajsa giet faccata, kienet ghadha fuq l-ilma jigifieri bejn wiehed u iehor 20 metru l-boghod mill-moll '*Jidher illi nqala xi haga u l-lanza regghet bidet hierga l-barra.*' Staqsa lil Darren Grech ghaliex u qallu li hemm xi problema bl-arja, xi problema teknika fuq id-dghajsa. Jghid li jekk mhux sejjer zball kien hu l-ewwel prezenti. Mistoqsi jekk qabel qalghet il-barra garax xi haga li gibditlu l-attenzjoni jghid li min naha tieghu le. Jghid li kien fil-karozza u forsi kellu r-radio pero' le. Jghid li milli jiftakar kien fil-karozza. Mistoqsi x'jista jkun hemm iktar li ma jitnejintelix fl-IMO document wiegeb '*li ma nkunx naf bihom qabel, bhal dettalji ta' x'fiha fuqha l-lanca. As such ma nkunux naf qabel dejjem.*' Mistoqsi '*U allura ir-responsabilta hija tal-kap ta-vapur li jiddikjaralek ?*' wiegeb '*Hekk hu, ghax huwa x-xoghol tieghu.*' Mistoqsi mill-Qorti meta gie mitlub biex jimla d-dikjarazzjoni x'jiftakar li qallu li se jkollu fuq id-dghajsa qabel ma mela dak id-dokument jghid li d-dokument ghandu idea mhux hazin ta' x'fih mimli fuqu. Jghid li '*mill informazzjoni li kien tana lili u lil kolleg atieghi, l-imghallem ta' l-ufficjlu, kont ktibt li d-dghajsa fuha nill.*' Jghid '*fiha mil, ma fihiex merkanzija. jigifieri dik eventwalment kellha tinbidel, ma l-wasal tal-vapur.*'

Jghid li kaxxa *name* and *description of ship* kaxxa numru wiehed, erbgha u hamsa, sebgha, disgha u ghaxra huma l-ewwel informazzjonijiet li kellhom. Dan b'referenza ghal IMO Dok SD a fol 82 tal-process. Dan sabu mimli minn kollega tieghu qabel. Jghid li kaxxa numru 2 meliha x-xhud iktar tard meta kien jaf fejn se jorbot id-dghajsa u minn fejn gejja l-lanca. B'referenza ghal kaxxa numru 3 fejn hemm linka blue u linka sewda spjega '*ghax kont infurmajt li kienet diehla l-lanca fil-15 ta april fil 11 ta filghaxija u ghalhekk irangata ghal 16, appena dahlet il lanca fi 2:00 ta filghodu u allura qalbet il-gurnata.*' Jghid li jidhirlu li kaxxa numru 12 meliha l-ufficju.

B'referenza ghal kaxxa numru 13 spjega li '*peress illi dan kien fil-weekend, jiena l-ahhar informazzjoni li kelli li kienet, ktibt il-kelma nill mill-ahhar informazzjoni li kelli sakemm kont l-ufficju il-gimgha jew is-sibt, jigifieri kien ghadu pjutost kmieni, imma dik l-informazzjoni li keli mill-boss tieghi, mill-imghallem tieghi. Imbaghad ingassata u hemm il-kliem 46 boxex cigarettes on baord*'. Jghid li kitibha hu fuq il-moll. Jghid li l-

informazzjoni tahilu Darren dak il-hin meta l-lanca kienet barra. Jghid li ra lil Darren jikkomunika bil-mobile, milli jista' jahseb kien qed jikkomunika ma Carmelo pero' ma jafx ma min. Mistoqsi '*imma jigifieri waqt li kien qed jikkomunika tak din l-informazzjoni lilek 46 boxes remaining on board ?*' wiegeb '*iva*'. Sar jaf meta qalghet il-barra l-lanca. Mistoqsi tigrix spiss din il-haga li tmur b'nill u jkollu jibdel xi haga, jghid li '*gili grati imma ezempju bhal port u tkun se tidhol f'post differenti, l-owners ikunu ghajtu port differenti.*' Mistoqsi dwar kwistjoni ta' oggett, ta' cargo wiegeb li mhux ezatt le. Jghid li t-timbru tal-lanca u l-firma jidhirlu li ta' Carmelo Grech imma mhux jaghraf il-firma. Issoltu jiffirma l-kaptan. Huwa gharaf lil Carmelo Grech fl-awla. Jghid li l-firma saret quddiemu ghax hu jitla bil-formola abbord u jiffirma l-kaptan.

Mistoqsi dwar x'ghamel wara li nqalghet id-dghajsa minn mal-moll jghid li ra li qed idumu u mar sa vending machine xtara xi haga x'jixrob, jghid li ma kienx hemm kwistjoni ta' xi siegha, kien hemm 5, 10 minuti. Jikkonferma li fit-tieni okkazjoni imbghad id-dghajsa trakkat mal-moll. Jghid li l-lanca dahlet assistita mill-AFM u dak il-hin lanqas hallewhom jitilghu abbord umbghad tela meta tawhom il-go ahead. Dwar it-timbru u firma jghid li damu ftit ma saru ghax dam ma tela abbord minhabba li kien qed jigri peress li telghu xi ufficjali jaghmlu xi investigazzjonijiet u ridu jaghtu l-hin lilhom jahdmu. Jghid li mmarkat il-hin bhala s-saghtejn wisq probabli ftit qabel mhux wara pero’ f'dawk il-hinijiet.

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed *Joseph Micallef* evaluation officer il-customs. Jghid li huma jigu mitluba biex jaghmlu *evaluation* tal-affarijiet li jkunu nqabdu. Jghid li jaghtuhom il-lista, f'dan il-kaz kienu sigaretti u ghamlu il-valuri skond id-database li jkollhom huma. Huwa prezenta dokument immarkat bhala Dok JM u spjega li '*hemm 2,200 kartuna Walton sigaretti li jammontaw ghal tnax il elf, sebgha mija u sittin Ewro (€ 12,760), 50 kartuna Capital jammontaw mitejn u disghin Ewro (€ 290), 15 il-kartuna ohra Walton li jammontaw ghal sebgha u tmenin Ewro (€ 87) u 18 -il kartuna Capital li jammontaw ghal mija u erbgha Ewro u erbghin centezmu € 104.40. L-ammont totali jigi (tlettax-il elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro u erbghin centezmu) € 13,241.40*' Jispjega li li dak huwa CIF valur, kemm jiswew is-sigaretti, minghajr id-dazji u minghajr kollox.

Xehed ukoll **Joseph Borg** fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) li esebixxa formalment il-bastiment li jgib l-isem *Maye Yemaia*[13]. Il-Qorti rrimarkat li dan id-dokument qed jigi esebit formalment u mmarkat bhala Dok JB.

Fl-istess seduta xehed **PS 474 Norbert Said** li gie muri Dok AG2 li hija stqarrija tal-imputat li tinsab a fol 23 sa 25 tal-process u spjega li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) kien prezenti waqt stqarrija rilaxxata mis-Sur Carmelo Grech li huwa gharaf fl-awla u wara li nghata s-solitu twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu, kien ghazel li jiffirma. Jghid li qabel l-interrogazzjoni kien ghazel li jikkonsulta lil Dr Jeffrey Farrugia. Huwa gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Angelo Gafa u tal-imputat illi iffirma quddiemu.

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed minn jeddu l-**imputat Carmelo sive Charles Grech** fejn giet prezentata kopja ta' affidavit immarkata bhala Doc CG li hu prezenta quddiem Qorti ohra flimkien ma' sensiela ta' dokumenti annessi mieghu, Doc CGA, CGB, CGC, CGD li huwa certifikat bil-lingwa Libjana u Doc CGE l-istess certifikat izda bit-translation bl-Ingliz. Esebixxa sensiela ta' ritratti Doc CGJ, CGI, CGH, CGG, CGF.

Xehed li xoghlu dejjem hadetm ta' kaptan mit-tmienja u sebghin (78) 'l hawn kemm fuq vapuri ta' pasisggiieri, kemm fuq dghajjes tal-irmonk, dghajjes tas-sajd u vapuri ta' merkanzija. Jghid li d-dghajsa xtraha minn Spanja u l-ewwel xoghol li ghamlu biha kien humanitarian aid ghal Libja meta nqalghet il-gwerra tal-Libja, bdew l-ewwel gimgha ta' April.

Jghid li kienu imqabbda lil I Go Foundation imma barra l-Go Foundation kellhom taht l-Ambaxxata Amerikana, il-Ministry of Defence ta' Kastilja kien hemm in-Nato u l-United Nations. Jghid li l-merkanzija li waslet Malta mid-dinja kollha rigward medicina, apparat elettroniku ghall-isptarijiet. Jghid li wasal apparat elettroniku minn NASA Amerikana u haduh lejn il-Libja bil-permess tal-United Nations u n-Nato u min kien ikkoncernat dak iz-zminijiet. Jghid li jrid izid fl-affiadvit li meta gew jordnaw fuel free ghall-istess dghajsa biex tibda taghmel dawn il-vjaggi umanitaji

[13] Din mill-atti ghandha taqra' 'Mae Yemanja'

kellhom l-ikbar oggezzjoni mid-Dwana fis-sens minghajr hadd ma jaf ghaliex u akkuzawhom li se jaghmlu kuntrabandu mal-Libjani, liema akkuza giet innegata u sar rapport lil Prim Ministru ta' dak iz-zmien Dr Lawrence Gonzi la jaf minn I Go u lanqas jaf mill-Ambaxxata Amerikana, jghid li wara saghtejn gie kollox ghan-normali u nghataw fuel kemm riedu.

Mistoqsi ghala kellhom bzonn hafna fel jghid li minhabba l-istabilita tal-bastiment peress li kellhom ftit cargo u kellhom perjodi li meta telqu Malta- Misurata gieli ghamlu tlett ijiem jistennew barra, kellhom bzonn fuel u kienu standby mat-tobba tal-emergenza ta' Misurata. Jghid li meta jiehdu l-fuel minn Malta jiddikjarawh id-Dwana u meta jergghu jidhlu jiddikjarawh. Jghid li kien hemm kummenti minn tad-Dwana jghid li anke '*meta ghabbejna ghas-sigaretti abbord minn Malta ghal Libja gie l-Inspector Gerome Azzopardi qalli "jekk insib pakkett bil-barcode li ghandek abbord" qalli "nikkonfiskalek id-dghajsa". Jigifieri bdejna minn as April first week of April two thousand eleven (2011) bil-kwistjonijiet.*' Jghid li dan kien ic-Chief Inspector, l-istess Inspector li ghamel l-istorja kollha f'dan il-kaz.

Jispjega li s-sigaretti gew mixtrija minn Famagusta jghid li hemm il-bill of lading. Jghid li Doc CG2 jispecifika sigaretti Walton li mhux maghrufin hawn Malta imma maghrufa fl-Afrika. Mixtriha minn Famagusta Cipru, Tork jghid li '*ghax ghandek tnejn Cipru l-Grieg li huwa ta' Liamsol u ghandek Famagusta Cipru t-Tork.*' Jghid li ghabbihom abbord u marru Misurata, ccekjaw Misurata mad-Dwana qabel jekk jistghux, jekk jaghtuhomx permess ihottuhom fil-warehouse taghhom u mbghad jergghu jitghabbew fuq bastimenti ohra qalulhom iva. Jghid li d-dokument CG7 juru li dawn is-sigaretti thattew Misurata, kollha kemm huma. Jghid li Misurata kien hemm id-dazju, kienu ha johorguhom ghas-suq lokali ta' hamin ewro (€50) kull kaxxa imma dawn talbu erba' darbiet aktar il-valur biex johorguhom minn hemm hekk. Jghid li sahansitra qalu li ma kellux permess ihotthom meta huma tawhom il-permess l-warehouse u riedu jiehduhom. Jghid li tellawhom abbord u wara disa (9) t'ijiem jiggieldu mad-Direttur tad-Dwana u minn hemm hekk telqu 'sapanja' minn Misurata. Jghid li gew f'High seas u hattewhom fuq vapur li tawhom struzzjonijiet

minn Famagusta. Bil-maltemp li kellhom kien fadal 46 kaxxa jghid li kien hemm 44 Walton u zewg kaxxi kienu mhaltin li sabu l-Pulizija abbord.

Jghid li CG1 kienet certifikat ta' rikonoxximent li hadmu humanitarian aids trips ghal misurata, CG2 bill of lading tax-xoghol li tghabba minn Famasgustra Cipru, CG3 Customs and Excise clearance entry tad-dghajsa minn Cipru. CG4 dettalji ta' dokument li jinghataw lil port mill-agent rigward id-dghajsa tat-Turkija. CG5 bill of lading tat-Turkija. CG6 l-cargo manifest u CG7 ta' meta nhatt ix-xoghol Misurata. CG8 hija l-invoice ta' sitta u erbghin (46) kaxxa Walton. Jghid li fuq il-high seas poggew elf kaxxa tnaqqas is-sitta u erbghin (46) kaxxa fuq bastiment. Jghid li baqa sitta u erbghin. Jikkonferma li kien baqa sitta u erbghin (46) u gew direzzjoni lejn Malta. Huwa spjega li minn siegha qabel obligati bil-ligi javzaw it-Turretta. Jghid li avzaw t-Turretta, kienet taf bihom u tawha l-'*ETA breadwaters*'[14]. Mistoqsi ikunx jaf il-persuna li tkun qed titkellem qal li le ma jkunux jafu imma mill-loging li jaghmlu huma li jkun hemm tat-Turetta jkun hemm kollox illogjat. Huwa kkonferma li sema lis-Sur Victor Muscat jixhed u kkonferma li kien f'kommunikazzjoni mieghu. Spjega li meta dahlu mill-breakwater il-variable pitch li huwa '*l-iscreen qieghed attaccjat mal-magna, inti kullma taqleb il-pali, il-pali neutral ikunu pali fin-nofs li l-vapur la jimxi l-quddiem u lanqas lura, taqlibhom ahead jimxi ahead, taqblibhom SN jimxi fl-SN. Jghid li variable pitch maghmul minn sistema ta' hydraulic u arja. Jghid li* '*mhux l-ewwel darba li waqt manuvra jisparaw ruhom il-pajpijiet allura l-iskrun jehel fuq il-help u gie li wehed fuq l-SN ukoll u jien dak il-hin li rajt li m'ghandniex kontroll kont tlabt ... (recording imwaqqaf)*' Jghid li l-propeller wehel fuq il-head '*kif rajt hekk jiena tlabt lit-Turretta permess biex naghmel sea trials barra, nohrog barra l-Port nerga u t-Turretta kkonfermali biex nohrog..*' Jghid '*U hrigt, issa meta kont qieghed barra jiena giet id-dinghy jew Patrol Boat imma ghandu jkun xi dinghy gie ghajjatli fuq il-VHF qalli "kaptan ghamel sea trial direzjoni breakwaters". Jien dawwart il-bastiment u ghamilt id-direzzjoni breakwaters.*' Jispjega li s-sistema ta' hydraulic u arja u l-pajpijiet huma kollha clip-on. Jghid li gieli b'daqsxjen manuvra zejda il-pajpijiet johorgu minn posthom u ma jkunx hemm funzjonament tal-pali tal-iskrun. Huwa prezenta ritratti tas-sistema.

---

[14] Din il-Qorti tifhem li l-kelma 'breadwaters' ghandha taqra 'breakwaters'.

Jghid li '*Kif qieghed barra mbaghad open sea jigifieri tkun tista zzid, tnaqqas, twaqqaf, qed tifhem.*' Jghid li regghu avzaw lit-Turetta u dahlu breakwaters. Mistoqsi dwar jekk semghax lil xi hadd jghid li hawn tad-Dwana u qala l-barra wiegeb '*Le, le, le jiena li qlajt il-barra minhabba l-hsara li zviluppatli.*' Jghid li d-diskors ma semghux. Jghid li '*sa kemm gejt kelli d-dinghy mieghu xaghlu s-searchlight taghhom il-hin kollu fuq id-dghajsa, jigifieri ghall-poppa, ghal gemb taghha u bqajna dehlin sahansitra anke gol-Port meta dhalna.*' Jghid li kien hemm l-AFM, ghal lanca giet tnejn jew tlieta u t-trakkaw. Jghid li l-art sabu il-Bomb Disposal units u s-CID, Dwana pajzana, kien hemm madwar erbghin (40), hamsa u erbghin (45) persuna. Qal li '*Dan qabel ma d-Dwana telghet u l-AFM qalli "ha naghmlulek search" ghidtlu "stenna ftit jien ghandi sitta u erbghin (46) kaxxa sigaretti". Qalli ahna ma gejniex ghas-sigaretti", qalli "ahna gejna ghal affarijiet ohra pero' s-sigaretti huma l-ahhar haga". Bdiet is-search b'apparat eletroniku bil-laser li qed nissuspetta jiena kienet ghal xi droga u forsi kien hemm armi mohbija, dan irrizulta kollu fin-negattiv, gieghluna nifthu t-tankijiet tal-fuel u ta'l-ilma.*' Jikkonfermaw li semmew li kienu qed ifittxu ghall-armi. Jghid li '*Infatti s-sur Gafa' qalli nirringrazzja l-Alla li ma sibniliekx armi. Ghidtlu "ahna ma naghmlux dawk l-affarijiet", l-ewwel kliem li qalli.*' Jghid li '*kien hemm fotografi ta' l-AFM u bdew jiehdu ritratti tal-welding ta' l-arbli tad-dghajsa ta' fuq, welding tal-gabina u welding iehor biex jaraw jekk hux welding frisk jew zebgha kif inhi, qed tifhem.*' Jghid li '*Qalli, Gerome qed nitkellmu c-Chief Inspector qalli "jek inti m'ghandekx dokumenti tal-merkanzija dak huwa kuntrabandu*". Ghidtlu "*dokumenti ghandi kollox relatati*". jghid "*qalli "isma s-sigaretti ma nistghux inhalluhomlok abbord ha nohduhom fl-istores taghna*". Jghid li hattewhom u haduhom fl-istess, jghid li ha ritratti waqt li qed jinhattu s-sigaretti u gaghluh ihassarhom. Jghid li minn naha tal-AFM u d-Dwana qalu minhabba s-security tan-nies. Jghid li tawh ircevuta li esebixxa il-Qorti. Jghid li l-Ispettur Gafa ma kienx prezenti waqt is-search abbord. Xehed ukoll li l-Pulizija tas-CID argumentaw hafna mas-superjuri taghhom qallu "*Sir hawn hekk ahna ma sibnielhom xejn*" Jghid li fuq it-telephone tal-AFM qalu lis-superjuri taghhom "*hawn hekk ma sibnielhom xejn minn dak li kien hemm irrapurtat*". Jghid '*Imma Gerome Azzopardi c-Chief insista li jien nigi arrestat, fuq insistenza ta' Gerome Azzopardi jien gejt arrestat u kullma ghamilt mill-erbgha neqsin kwart (3:45) ta' filghodu sad-disgha (9:00) ta' filghodu, meta gie l-Ispettur is-Sur Gafa' baghat ghalija.*'

Dwar l-interrogazzjoni ghand is-Sur Gafa qal '*Lili l-ewwel ma qalli "irringrazzja l-Alla li ma sibnielekx armi ghax l-istorja kienet tkun totalment differenti" u beda, qalli "isma ha nara min qed jghid il-verita jekk hux Dwana jew inti", qalli "id-Dwana qed jghidu li inti m'ghandekx dokumenti tax-xoghol". Ghidtlu "le Spettur jien ghandi d-dokumenti kollha relatati", kelli s-sidrija, kelli but minn wara u hrigthom quddiemu. Qalli "dawn fejn kienu?" ghidtlu "ghandi". Qalli "ghax ma tajthomlhomx?" Ghidtlu "jien tant rajt kunfuzjonoi abbord li dak il-hin ghidt li jekk naghtihomlhom dawn jistghu jintilfu jew min jaf x'jigri fihom", u hekk meta arrestawni kienu qeghdin mieghi u tajthom lill-ispettur, jigifieri dan ma procudejthomx jiena minn x'imkien iehor ghax minn fuq id-dghajsa gol-karozza tal-pulizija, mill-karozza tal-pulizija fil-lockup.*' Jghid li urihomlu mill-ewwel u tajhomlu mill-ewwel. Jghid li kienu fuqi waqt l-arrest. L-Ispettur Gafa qallu li d-dokumenti kollha qeghdin ghandu, bill of lading kollox. Jghid li lis-Sur Gafa' tah kollox, id-dghajsa qieghda licenzjata bhala cargo vessel jigifieri kellu permess biex igorr kull tip ta' merkanzija sakemm ma jkunx merkanzija perikoluza irid ikollok ic-certifikat taghha. Jghid li s-sigaretti lanqas huma maghrufin hawn Malta, maghrufin fl-Afrika. Jghid li mhumiex kummercjali hawn Malta, jghid li l-Libja ssibhom.

Mistoqsi ghalfejn meta staqsieh id-domanda li dawn kellu intenzjoni li jbieghhom Malta irrisponda b'dak il-mod wiegeb '*Dik irrispondejt b'dak il-mod minhabba qalli "la ma tridx tghidli, ma tridx titkellem ha naqbad narresta n-nies bl-addocc u l-ewwel ma nibda mill-mara tieghek nitfahhielek il-lockup". Jiena ghandi l-mara tbati b'panic attacks ghidt dana jekk ha jitfaghha fil-lockup dan ha joqtolha hemm isfel, ghalhekk l-istatement fl-ahhar sar kif ried is-sur Gafa*'.' Jghid li '*Iddikjerati fuq l-MO tad-Dwana, issa s-soltu ahna naghmlu hekk Sur Magistrat biex inkunu cari daqs il-krostall, ahna nistghu l-kaptan jaghmilha ta' agent, hafna drabi l-kaptan lanqas jinforma lill-agent x'ghandu u x'ma ghandux abbord, kif nidhlu jigi d-Dwana u nghidlu isma x'ghandek remaning so, remaining this u ghandna dan u ghandna dan. Meta kellna attakk fuqna fil-Port ta' Misurata u gejna biex b'certu merkanzija rritornajna lura ma ghamilha l-ebda agent, gew tad-Dwana ghidtlu "ahna ghandna pasta, makkaroni" li kien merkanzija li kien suppost hattejna Misurata imma kellna attakk, hrabna min hemm hekk u ergajna spiccajna Malta. Imma jigifieri dak il-hin taghmlu.*'

Jghid li s-sigaretti li baqghu abbord iddikjarahom u l-agent iddikjarahom ukoll. Dwar il-kwistjoni li l-agent ghamilhom vojta imbaghad qataghha wiegeb '*Imma dik*

*mhix l-ewwel darba tnizzel xi haga tingassaha u mbaghad tkompli u fuq hekk jien nista' ma niddikjara xejn qabel ma nasal il-Port ikun hemm tad-Dwana. Infutur qed nitkellem, infutur ghalija nnifsi.*' Mistoqsi jekk meta trakka iddikjarahom mill-ewwel qal li '*Iddikjerajnihom u d-Dwana konna midhla ta' xulxin, kienu jafu li lanqas qatt ma kien hemm rapporti hziena fuqi.*' Dwar id-Dwana qal li '*meta konna qed nahdmu ghal-Libja gew dejjem, meta qed nghabbu kienu prezenti, jekk hadna tmien (8) sighat biex nghabbu jew hadna gurnata l-erbgha u ghoxrin (24) seigha qaghdu stand by maghna.*' Dwar li avza siegha qabel li diehel Malta qal '*Daqshekk hu, jiena avzajthom, dik hija procedura normali li tavza lit-Turretta sa siegha qabel.*' Jghid li l-valur li ghamlet id-Dwana huwa esagerat ta' erbatax-il elf Ewro. Jghid li ghandu l-invoice originali li tikkonferma u li nizzel minn fuq l-internet jaqblu. Ikkonferma li fuq suggeriment tad-difiza li minn fuq l-internet nizzel il-prezz ufficjali li jidher li hemm anke margin bejn ninety five (95) sa mija u tletin (130) u d-difiza qieghda tghid li xtrathom mija u hmistax (115). Jghid li ma jaqbilx mal-valur esegerat li poggew tad-dwana, jghid li kull ma hemm average ta' erbat'elef Ewro (€4000) bhala valur tas-sigaretti li kien fadal abbord.

In kontro-ezami jghid li kien arrestat bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April. Jghid li fid-9:00 gie ghalih, imbaghad kellu l-Qorti u rega gie ghalija f'xil-hdax (11:00), hdax u nofs (11:30) ta' filghodu. Jekk jiftakar tajjeb gie rilaxxat mill-arrest ghas-siegha (1:00) ta' wara nofs in-nhar. Saret referenza ghall-istqarrija li turi li gie rilaxxat fis-sitta neqsin tmien minuti (5:52) ta' filghaxija u wiegeb li ma jiftakarx li dam daqshekk. Ikkonferma li jaqra u jikteb u ikkonferma li hu ffirmah l-istatement. Mistoqsi dwar li f'l-istqarrija hemm '*Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjament u li ma gejtx imgieghel, b'theddid jew biza' b'weghda ta' xi vantaggi u wara li qrajtha naghzel li niffirma.*' iwiegeb '*le jiena iffirmajtu daka minhabba dik it-theddida li helli fuqi mill-Ispettur, meta qalli "ha naqbad narresta lin-nies bl-addocc", qalli "l-ewwel li ha nibda mill-mara tieghek nitahhielek il-lockup", tinnega li dan id-diskors ma ntqalx?*' L-Ispettur Ferris wiegeb li ma hadux hu l-istatement. Jghid "*Le imma hin minnhom staqsa lilek rigward x'multi jistghu jkun hemm u inti rripetejt "three (3) times the value as VAT" jekk m'inhiex sejjer zball, vera?*' u l-Ispettur Ferris wiegeb '*Hekk hu.*' L-imputat spjega '*U jiena ppreferejt li niffirma statement bhal dak biex insalva hajja ta' mara all right u ahna*

*tkellimna fuq tnax il-elf Euro (€12,000) u lanqas ippretendejt li se jittiehdu passi meta qed jghidli dak id-diskors jekk ghandek dokumenti u m'ghandix dokumenti.'*

Ikkonferma li minn Misurata tawh ordnijiet biex johorgu high seas bis-sigaretti abbord. Mistoqsi dwar coordinatesjghid li isem tal-vapur ma jkollux hija ccordinate li jrid jiltaqa' mieghu fuq il-post. Jghid li kien maltemp 7,8,9 li ippersista ghal granet twal. Jikkonferma li beda jhott fuq dan il-vapur. Dwar is-*46 cases* li kien baqa jghid li '*In-nies kienu ghajjew u ddecidejna jigifieri li nitilqu lejn il-Port.*' Bhala pagament jghid li '*Jiena ma rcivejt xejn tieghu, jien bghattu lura ergajt ix-xoghol, jien bghattu lura x-xoghol.*' Saret referenza ghal folio 24 tal-istqarrija fejn hemm miktub '*Jien hekk ghamilt u mort hallejt dan ix-xoghol fuq il-vapur li ma nafx x'jismu. Nghid ukoll li jien lanqas ghandi dokumenti x'nuri li ghaddejt dan ix-xoghol lil vapur. Fuq mistoqsija li qed issirli nghid li jien ghad irrid nara kif ha nithallas ta' dan ix-xoghol.*' Wiegeb '*Le, le, le mhix vera. Jista' jkun li dak il-hin kont ecitat imma ma niftakarx.*' Jghid li ma kellux avukat prezenti, tkellmu bit-telephone.

Dwar il-hsara u l-propeller jghid li kif ried l-Ispettur Anglu Gafa' li qallu biex jaghmlu li mhux vera li rrizulta hsara. Jghid li meta zviluppat il-hsara jghid li kien hamsin (50) metru l-boghod mill-moll. L-ufficjal jghid li ghandu xhieda li kien ghaxar (10) metri l-boghod. L-imputat wiegeb '*Liema xhieda li ghandek ghaxar (10) metri? Ha nghidlek meta thares hekk ivarjalek, meta thares mis-side ghandek differenza fuq il-bahar tarah hekk qrib imma fil-fatt fir-realta ma jkunx qrib. Ahna nikkalkulaw tul id-dghajsa tnejn u tletin (32) metru.*' Mistoqsi '*Ara jekk wehel il-propeller kif ghidt inti fuq il-forward u int kont diehel il-quddiem..*' wiegeb '*Ehe x'tara, ghandek esperjenza x'jigri li nfattar il-pruwa*' qal ukoll '*Allura biex nevita dak kelli nohrog naghmel sea trials jiena. (recording mitfi).*' Mistoqsi jikkonferma li sal-lum ghadu ma thallas ghax-xoghol wiegeb li ma biehux.

Mistoqsi li fl-istqarrija ghamel referenza ghal telefonati li saru mill-membri tas-CID u mill-membri tal-Armata lis-superjuri taghhom, jekk jafx jghid min huma dawn in-nies u lil min saru t-telefonati wiegeb '*Min gie hemm hekk kien pajzan, inti taf izjed minni min kienu pajzana jiena ma nafhomx, meta hadt r-ritratti bil-camera gieghluni nhassar kollox.*' L-ufficjal prosekutur preciza li qed jaghmel referenza ghat-telephone calls

fejn l-imputat kien qal li kien hemm CID jaghmlu telefonati u staqsa lil min ghamluha. Jghid li '*Jekk wiehed ta' l-Armata jindirizza Sir lil ta' fuqu qed jindirizza mhux lil ta' tahtu nifhem jien u l-istess fil-pulizija.*'

B'referenza ghal folio 82 u mistoqsi f'liema stadju jimliha d-dikjarazzjoni jghid li '*Dak id-dokument tad-Dwana, lanqas imlejtu jiena dana, dan imlieh...*' Ikkonferma li kollu melieh l-agent. Jghid li d-dettalji jaghtihomlu hu pero′ l-kaptan jista' jaghmilha ta' agent u jimliha hu bhal ma kienu jsiru l-proceduri kif tigi d-Dwana abbord. Huwa kkonferma li iccempel l-agent tghidlu x'diehel x'tiddikjara u taghtih il-cargo manifest. L-Ufficjal Prosekutur ghamel referenza ghal kelma 'nil' jigifieri 'nothing to declare' u l-imputat wiegeb li '*Mhux l-ewwel darba li tnizzilha nil u mbagahd tingassaha jekk tkun karta ohra ta' xi haga ohra.*' Jghid li tista' timliha bit-telephone biss, iccempillu u tghidlu. Jghid li trid timliha qabel ma jigi tad-Dwana. Jghid li fl-ahhar hinijiet, jistghu jimlewha wara li jigi tad-Dwana. Ikkonferma li trid timliha ezatt kif titrakka. B'referenza ghal folio 82 jghid li '*Hsibt li ma kelli xejn imbaghad imlejtha.*' Mistoqsi mill-Qorti jekk b'linka blu ghamiliex hu wiegeb li le mhux hu ghamilha. Jghid li ffirmaha hu meta dahlu u gew id-Dwana abbord, gablu l-karti u ffirmaha. Jghid li gabha Joseph Said u kellu tad-Dwana mieghu. '*Huma tad-Dwana meta ahna avzajnihom u cempilt lil tad-Dwana anke t-Turretta cempel lil tad-Dwana.*' Mistoqsi jekk avzahomx lil tad-Dwana biex jigi direttament wiegeb '*Le kif appena inti tkellem lit-Turretta t-Turretta jaqbad it-telephone icempel il-baggage room.*' Jghid li ntliet qabel ma waslu u ffirmawha kif waslu. Jghid li '*Qabel ma tela' fuq il-vapur kien hemm Ufficjali tad-Dwana u l-pulizija u AFM u jiena ddikjerajt li ghandi 46 boxes, anki li kieku m'hemmx dik il-karta.*' Jghid li '*saqsewni qaluli "inti ghandek xi haga x'tiddikjara?" kien hemm il-Kaptan ta' l-AFM dak li tela' jixhed, Gerome Azzopardi u Ufficjali tad-Dwana ohra mieghu u kien hemm mil-Korp tal-Pulizija.*' Qal li '*Iva ghidtilhom forty six (46) boxes remaining mill-merkanzija li kelli.*' Dwar fejn hemm miktub *46 boxes* a fol 82 jghid li '*Dik qabel ma dhalna l-port nizziltha,*'. Mistoqsi '*Jigifieri inti nizziltha jew tas-SINAF?*' Wiegeb '*Tas-SIBNAF imma cempitlu bit-telephone.*' Mistoqsi dwar meta tela' fuq tad-dghajsa b'dak id-dokument tas-SINAF iwegeb li tah it-timbru u l-firma bhal dokumenti ohra. Jghid li l-*46 boxes cigarettes* bil-biro blu kienu diga miktubha, dak id-dokument intela qabel ma dahlu l-Port. Hu kkonferma ki cempel lil tas-SINAF. Mistoqsi jekk jikkonfermax li kien cempillu qabel

biex jghidlu li ma kellu xejn x'jiddikjara jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi kemm il-darba cempel lis-SINAF biex jolteraha wiegeb li ma jiftakarx. Ma jiftakarx kemm il-darba cempillu. Mistoqsi jekk jikkonfermax li hu bhala Kaptan obligat skont il-Ligi tal-Port li jaghmel id-dikjarazzjoni tieghu, icempel lil agent. Qal li le. Qal li tista l-kapan jaghmel agent tieghu innifsu. Mistoqsi '*Iva x'hin titrakka mal-moll imma, imma ma taghmilx l-ewwel dikjarazzjoni u mbaghad tolteraha? Meta titrakka mal-moll tkun taf x'ghandek abbord.*' wiegeb '*Gie li saru, gie li saru, gie li saru.*' L-imputat saqsa jekk qatt ma ha zball li tikteb xi haga tingassaha u tikteb xi haga ohra. Il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Joseph Said l-agent fejn qal li kien ghoxrin (20) metru l-barra u wiegeb '*U issa ghixrin (20), hamsin (50), tletin (30).*' Wara li saret referenza ghal folio 134 fejn ix-xhud Joseph Said kien qal '*Li ma nkunx naf bihom qabel bhal dettalji ta' x'fiha fuqha l-lanca essagg ma nkunx naf minn qabel dawn id-dettalji.*[15]' Hu kkonferma li ghamel komunikazzjoni mas-*Sinav*. Jghid li d-dettalji li tah qabel ma ntliet dik biex jiddikjaralu l-46 boxes. Huwa kkonferma li qallu li kellu *46 cases on board* u fuq u suggerimen li l-ewwel qallu li ma ghandu xejn umbaghad meta nqala li nqala, wiegeb '*Le, le, le li ghandi forty six (46) boxes. (recording mitfi).*'

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) rega xehed **Joseph Micallef** fejn wara li nqratlu d-depozizzjoni tieghu li ta' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) ikkonferma l-kontenut taghha izda ippreciza li fejn jidher '[16]C *Value*' dik ghandha tinqara bhala CIF value. CIF value hija Cost insurance u freight. Jigifieri kemm jiswa' l-oggett, il-cost u l-freight li jkun hallas u jekk ikun hemm insurance fuqu. Sakemm dahal fil-pajjiz minn barra ghal pajjiz iehor. Hu kkonferma Dok. JM a fol 143. Gie mistoqsi dwar il-valur tieghu biss kemm realment jixtrieh il-klijent ghax skont id-difiza '*insurance u freight kien qed igorrhom il-klijent tieghi, jigifieri ma jidhlux fl-equation*'. Jghid li l-cost jiehduh fuq database li jkunu ghamlu huma, ikunu ghamlu r-ricerki minn kumpaniji differenti, kemm ikun inxtara u jimxu fuqu ga la darba min ikun ma jipprezentalhomx invoive hu. Mistoqsi ghal valur ta' 1 carton spjega li mhux ta' 1 carton izda ta pakkett sigarett. Jghid li pakkett

---

[15] Joseph Said a folio 134 skont it-traskrizzjoni kien qal *'li ma nkunx naf bihom qabel, bhal dettalji ta' x'fiha fuqha l-lanca. As such ma nkunx naf qabel dejjem.'*

[16] Ix-xhieda tieghu li kienet moghtija fit-22 ta' April 2013 senjatament a fol 142 taqra 'sea value'.

by twenty. Jghid li fid-database taghhom jiehdu kemm kwalitajiet differenti u mbaghad jaghmlu average. Jikkonferma li jaghmlu ricerka mill-internat jiehdu r-rejali, kemm jigu lil min idahhalhom fil-pajjiz u jiehdu average. Jghid li hemm sigaretti li jkunu naqra inqas u hemm sigaretti li jkunu naqra iktar gholja. Mistoqsi jekk per carton taghmilhom times ten (10) wiegeb jigifieri five euros eighty (5.80) jispjega li ghax kull kartuna fiha ghaxar (10) pakketti allura ghaxar pakketti '*by twenty (20) cigarettes each.*' Jghid li '*Il-value biss bil-freight. Il-freight xorta rridu ninkluduh.*' Jghid li '*ahna dejjem naghtu l-freights ghax il-ligi taghna tghidlek li l-cost u hekk imma biex nghidlek li trid inti irrid nahdimha...*' Ix-xhud gie mitlub kemm jiswa pakkett sigaretti in kwistjoni minghajr freight u minghajr insurance. Jghid li d-dokumenti li jaghtuh huma tal-enforcement section. Mistoqsi jekk l-invoice li d-difiza tghid li l-imputat ghadda lis-Spettur Gafa biex jghaddiha lix-xhud wiegeb li ma gietx ghandhom. Huwa ddikjara li d-dokument a fol 184 ma giex mghoddi lilu.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) rega xehed *Joseph Micallef* u dwar id-dokumenti a fol 203, 204 u 205 spjega li '*id-dokumenti li gew ipprezentati mhux accettabli ghad-Dwana 'l ghaliex it-transaction value bil-Malti ma stajniex nuzawh. It-transaction value jkun x'qed turina l-invoice. Issa r-raguni tkun illi hemm xi nuqqasijietf l-invoice li tkun pprezentajtu, per ezempju la tkun iffirmata originarjament, la jkollha dikjerazzjoni, la tkun iddikjerata jew hux SIF jew inkella FOB jew inkella jkollha xi nuqqasijiet l-iktar haga mportanti illi per ezempju din kienet 46 boxes by how much?*' Jghid li peress li ma jkunux jistghu jaslu f'konkluzjoni x'jaghmlu, jiehdu mid-database li ghandhom huma bhala evaluation, id-database taghhom fuq sigaretti dejjem l-istess li kienu ghamlu exercise li sabu li sigaretti hemm hafna prezzijiet differenti u kwalitajiet differenti u allura kkonkludew li jaghmlu average ta' sigaretti u dejjem mexghu fuq dik il-procedura. Hu kkonferma li dan huwa sigarett li rari tisma bih fis-suq Ewroprew. Jghid li kien gie deciz li bhala valur peress li ivarjaw hafna jiehdu l-average li sabu. Jghid li l-materjal huwa l-invoices li jkunu gabu dawk l-importaturi li jkunu dahhlu x-xoghol kif suppost jghid jigifieri tkun accettata mid-Dwana u jimxu fuqhom. Jghid li ma naghatax invoice ta' Charles Grech. Jghid li kull ma nghata biex jaghmel l-valuation kien l-affarijiet biex jarahom jigifieri s-sigaretti li gew elevati. Jispjega li bhala valuation ma joqghodux fuq il-

Google, jigifieri ma jaccettawx il-prezzijiet li jkun hemm il-ghaliex ma ghandhomx valur ghalihom. Jghid li jistghu jiehduha *in consideration* imma ma jaghtuhiex piz ghax fuq l-internet issib hafna prezzijiet differenti, ma tafx il-kwalita. Jghid li '*generalment niehdu in considerations igaretti li jkunu dahluf il-pajjiz b'mod legittimu, allura meta mbaghad ma nsibux kif ghitlek sfortuntament la ma jkollniex fuq xiex naqghu naqghu fuq id-decizjoni li kienet ittiehdet dak iz-zmien li kont hemm jiena illi s-sigaretti naghmluhom prez fiss ta' €0.58 kull pakkett.*' Jikkonferma li hemm differenza fil-prezz mill-valur li ivvalutaw huma ghal dak li jidher online. Ma jafx jekk gieli xi hadd importa l-istess sigaretti. Jghid li l-procedura mhijiex bil-miktub. Jispjega li €0.58 huwa l-valur biss ta' kemm jiswa' l-oggett minghajr ma jidhol id-dazju, minghajr ma jidhol l-exise duty fuqu u minghajr ma jidhol VAT fuqu. Jigifieri sempliciment il-valur wahdu kemm jiswa' l-oggett. Jghid fuq dak jinhadem il-valur tas-sisa jispjega li l-valur tas-sigarett essacc mhux gholi imma huwa s-sisa. Jghid li l-invoice li juri '*46 box' ma hijiex tajba u ma tistax tigi accetttata. Hu spjega li ghaddewlu '44 Masater cases by 50 catrtons each, 1 Master case by 50 cartons, 15 cartons by 200 cigarettes u 18 cartons by 200 cigarettes*'. Spjega li biex terga jsiru l-*workings* gooda trid issir talba lil Kollettur tad-Dwana jekk jistax isir revizjoni ta' dak il-valur.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) rega xehed **Joseph Micallef** li spjega li fuq talba li saret mill-Qorti biex jergghu jirrevedu d-dokumenti pprezentati lilhom mid-difiza, gie inkarigat mid-Direttur Generali biex jerga jaghmel ezercizzju fuq id-dokumenti pprezentati mid-difiza. Jghid li kull kaxxa jkun fiha hamsin (50) kartuna b'ghaxar (10) pakketti sigaretti u meta hadem dan l-ammont, l-ammont gie tlieta u ghoxrin centemzu ta' Dollar jigifieri ninteen euro cents. Hu jghid li meta dahal fuq l-internet kif proponiet mid-difiza sab li '*l-ammont qieghed kif qed jghid hu*' pero' rega' spjega li ma jaghtux piz dak li jsibu fuq l-internet. Jghid li meta fittex fuq l-internet sab li dawn jiswew one point ninety US Dollars il-pakkett li jigu one point forty six euros (€1.46). Jghid li jekk joqghodu fuq l-internet iridu jghollu izjed is-sigaretti Capital. Jghid li l-invoice mhijeix accettabbli ghaliex ghandha hafna affarijiet neqsin, allura ma jistghux jaccettawha. Jghid li '*Wahda mill-affarijiet per ezempju, ma naqblux fl-ammont, l-ammont maqbud ma l-ammont li qed tipprezentalna l-invoice totalment differenti.*' Jghid li sab li dawn is-sigaretti ma jigux importanti

legalment hawn Malta. Jispjega li joqghod fuq id-database taghhom li jiehdu s-sigaretti li jigu lokalment importati u jiehdu l-'*average value*' taghhom. Huwa prezenta estratt tad-database mmarkata bhala Dok JM ta' sigaretti importati lokalment f'Malta jghid li hemm neqsin l-ahhar tliet numri. Jispjega li mhemmx bhal dawk in kwistjoni. Spjega li ghandu dokument ippprezentat li huwa tmienja u hamsin centezmu (58) u li dak huwa l-valur ta' kemm jiswew s-sigaretti mhux id-*duties* ghax ma jidhlux fid-*duties* fl-evalwazzjoni taghhom. Hu kkonferma dwar dokument MB li hareg il-valur ta' nineteen cents tal-ewro (€0.19). Jikkonferma li jaqbel mal-valur tal-invoice li pproduciet id-difiza.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) gie vverbalizzat li dehru l-Ispettur Doriette Cuschieri kif ukoll Christopher Galea u Josephine Grima ghad-Dwana. L-imputat ma deherx f'dik is-seduta. Gie vverbalizzat li '*Christopher Galea jiddikjara illi l-imputat hallas is-somma ta' €26,000 li giet iddepozitata mad-dipartiment tad-dwana, liema somma tirrapprezenta u tissostitwixxi l-bastiment mertu ta' din il-kawza bl-isem MFV Mae Yemanja. Jiddikjara wkoll illi issa l-bastiment jinsab fizikament lura fil-pussess ta' l-imputat Carmelo sive Charles Grech.*'

A fol 230 id-dokument intitolat '*70/12/23 Case against Carmelo Grech*' jikkonsisti f'cifri rigwardanti multi ta' dwana u multa ta' vat.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi Saviour Balzan[17], duty officer il-Baggage Room fid-Dwana fis-shift tieghu ta' bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) ircieva telefonata madwar l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl (10:30pm) minghand l-agent tas-Seanav[18] Maritime Services Limited li madwar il-hdax ta' bil-lejl (11:00pm) kellu jidhol il-bastiment bl-isem *Maria Mania*[19]. Dan il-bastiment skont l-atti[20] kien gej minn Misurata;

[17] Li xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-3 ta' Dicembru, 2012
[18] Ix-xhud skont it-traskrizzjoni juza l-kelma 'Seanaf'.
[19] Skont l-atti l-bastiment jismu 'MFV Mae Yemanja' pero' Saviour Balzan juza l-isem 'Maria Mania' fix-xhieda tieghu.

2. Fuq din l-informazzjoni, ufficcjali tad-Dwana u tal-Pulizija niezlu Fuel Wharf gewwa l-Port il-Kbir;

3. Xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni qalu li meta l-bastiment qorob biex jitrakka mal-moll, xi hadd b'lehen gholi ghajjat '*hawn tad-Dwana*' u ma' dan il-kliem il-bastiment minflokk trakka, beda riesaq il-barra;

4. L-awtoritajiet ossia t-Turetta awtorizzat il-hrug tal-bastiment wara li l-imputat ossia l-Kaptan ta' dan il-bastiment qal illi kellu hsara fil-bastiment u li kien mehtieg li johrog biex jaghmel sea trials;

5. Il-bastiment gie intercettat aktar il-quddiem u gie skortat lura lejn il-Port il-Kbir mill-patrol boat tal-Forzi Armata ta' Mata u Speed boat tant id-dokument li jidher a fol 106 u mmarkat bhala Dok VM jipprovdi li '*01:17 MAE YEAMANJA ARRIVED AT GH- BREAKWATER ESCORTED BY PATROL BOAT P24 AND P 01 (SPEED BOAT)* filwaqt li l-istess document jipprovdi li '*01:45 MAE YEMANJA A/S CORNER TO FUEL WHARF.*'

6. Meta gie mistoqsi l-imputat[21] bhala kaptan tal-bastiment jekk kellux x'jiddikjara huwa ddikjara li kellu sitta u erbghin (46) kaxxa sigaretti abbord filwaqt li giet prezentata l-IMO general declaration li fiha tidher kelma ingassata bil-linka blue li din il-Qorti interpretata bhala l-kelma '*nil*' u hdejha hemm miktub '*46 boxes cigarettes rem on board*' fil-kaxxa 13 intitolata 'brief description of the cargo'[22] li l-imputat jghid u kif ser jigi ikkunsidrat fid-dettal li mtliet minn Joseph Said, l-agent tas-Seanav Maritime Services Limited' fuq informazzjoni tal-imputat li umbghad iffirma l-imputat;

7. L-imputat gie arrestat u interrogat u sussegwentement inhargu l-akkuzi in kwistjoni.

Ikkunsidrat;

[20] Skont l-IMO general declaration a fol 82.
[21] Skont ix-xhieda moghtija mill-imputat nhar il-25 ta' Gunju, 2013
[22] Kopja tinsab a fol 26 u mmarkata bhala AG3 u l-original tinsab a fol 82 u mmarkata bhala Dok.SB2.

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-istqarrija kienet ser tigi kompletament skartata abbazi tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**[23]. Liema sentenza kienet u ghada sal-lum il-gurnata sub judice stante li l-appell ghadu ma giex deciz. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) kienet iddeciediet li:

'*illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill- Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*'

L-Avukat Generali fl-appell odjern jissottometti li l-ewwel Qorti ma setghetx tiskarta l-imsemmija stqarrija purament fuq decizjoni ta' Qorti ohra li ghadha mhux res judikata u ghalhekk kellha tieghu konjizzjoni taghha u se mai tara u tifli x'tislet u x'tgharbel minnha fil-gudizzju taghha.

L-Avukat Generali kien ghamel referenza ghal fatt li l-appellat kien iffirma l-istqarrija fejn hemm dikjarazzjoni li kienet taqra li '*Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjament u ma gietx imgieghla b'theddid jew biza', jew b'weghdi jew bi twebbil ta' xi vantaggi, u wara li qrajtha naghzel li niffirmaha.*' Minn-naha l-ohra l-imputat ghalkemm kien irrikonoxxa li kien iffirma tali stqarrija, kien fost numru ta' allegazzjonijiet allega fix-xhieda tieghu inkluz fil-kontro-ezami ta' nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn kien qal '*Le jien iffirmajtu daka minhabba dik it-theddida li kelli fuq mill-Ispettur, meta qalli "ha naqbad narresta lin-nies bl-addocc", qalli "l-ewwel li ha nibda mill-mara tieghek nitahhielek il-lockup"...*' Fix-xhieda tieghu meta mistoqsi '*Issa ghal liema raguni inti meta staqsiek id-domandi li dawna kellek xi ntenzjoni tbieghhom Malta irrispondejt b'dakil-mod?* wiegeb '*Dik*

[23] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Refereza Kostituzzjonali Numru: 104/16JZM)

*irrispondejt b'dak il-mod minhabba qalli "la ma tridx tghidli, ma tridx titkellem ha naqbad narresta n-nies bl-addocc u l-ewwel ma nibda mill-mara tieghek nitfahhielek il-lockup". Jiena ghandi l-mara tbati b'panic attacks ghidt dana jekk ha jitfaghha fil-lockup dan ha joqtolha hemm isfel, ghalhekk l-istatement fl-ahhar sar kif ried is-sur Gafa'.*

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-Ispettur Angelo Gafa' in kontro-ezami gie mistoqsi wkoll:

*'Difiza: L-ahhar domanda. Ara tiftakarx naqra, inti dan l-statement irrillaxxahulek wara li inti tajtu assigurazzjoni li jekk jaghmel l-istatement li ghamel, lil mara tieghu li kienet ma tiflahx u li-tifel ma ittehdux passi Kriminali kontrihom.*

*Xhud: Ma kellix ghalfejn niehu passi kontrihom.*

*Difiza: Inti tiftakar?*

*Xhud: Le mhux vera.*

*Difiza: Jekk inti tiftakarx iva jew le.*

*Xhud: Zgur u zgur li xi haga bhal din qatt m'ghamilta u minix ha naghmilha. Issa jien ma nafx kif stajt niehu passi kontra l-mara u t-tifel jekk dan*

*Difiza: Jekk ghidtlux inti.*

*Xhud: Le. Jina x'intqal ma nafx pero' jiena zgur li affarijiet bhal dawn, biex iwegibni nghidlu minix ha niehu passi kontra haddiehor, zgur li m'ghamiltiex. Imma l-punt hu li l-mara ma kinetx fuq il-lanca dak in-nhar. Hu stess jghid li kienet fuq il-moll. It-tifel ma kienx fuq il-lanca. Hu stess jghid li kien fuq il-moll. U lanqas jiffiguraw bhala Diretturi tal-Kumpanija.*

*Difiza: Jista' jkun li, inti ghidtilna li ccekjajt ma' l-MFSA u rrizultalek li hija share holder. Ma ntqalx xi diskors, fis-sens li l-mara stajt tiehu passi kontriha?*

*Xhud: Le...'*

Illi din il-Qorti taghmilha cara li bl-ebda mod ma hija tghid li qieghda temmen jew taghti piz l-allegazzjonijiet maghmulha mill-imputat fil-konfront tal-Ispettur Angelo

Gafa' fir-rigward tat-tehid tal-istqarrija. Mis-sentenza appellata jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma ddeciedietx li tiskarta l-istqarrija tal-imputat abbazi tal-allegazzjonijiet maghmulha mill-imputat fil-konfront tal-Ispettur Angelo' Gafa izda abbazi tad-decizjoni fuq citata u ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti naqset milli taghti l-opportunita lill-istess Spettur Angelo Gafa' li jikkonfronta lill-appellat mhux biss peress li l-Ispettur Gafa kien diga' cahad l-allegazzjonijiet meta sarlu l-kontro-ezami izda anke ghal fatt li dak iz-zmien Spettur Ferris kien ghamel il-kontro-ezami tal-imputat. In oltre', kif gia kkunsidrat l-allegazzjonijiet maghmulha mill-imputat ma kellhom l-ebda kontribuzzjoni ghal fatt li l-Ewwel Qorti ddeciediet li tiskarta l-istqarrija.

Filfatt l-Ewwel Qorti bhala wiehed mill-punti preliminari kkunsidrat li '*Dwar l-istqarrija (li tinsab a folio 23 et sequitur) li l-imputat ta lill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet nhar is-16 t'April 2012, din il-Qorti tiddikjara minnufih li tali stqarrija ser tigi kompletament skartata u dana fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" [Referenza Kostituzzjonali Nru 104/2016 JZM] moghtija fis-27 ta' Gunju 2017 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali - Onor. Imh. Joseph Zammit McKeon);*'

L-imputat fix-xhieda tieghu jilmenta wkoll li hu ma kellux Avukat prezenti waqt l-ghoti tal-istqarrija ghalkemm kien ikkonsulta ma' Avukat permezz tat-telephone qabel l-istqarrija.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta′ mandat ta′ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma′ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà fejn fl-artikolu 3 tiprovdi:

***Id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorita` oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorita` ta' investigazzjoni jew awtorita` kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-liberta`;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorita` oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorita` ġudizzjarja;*

*(b**<u>**) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformita` mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;**</u>*

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-liberta` tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformita` mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-liberta` tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta` jew l-integrita` fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[24]. Din il-Qorti taghmel referenza senjatament ghall-artikolu 355AUA (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

'*Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

L-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

[24] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*(ċ) **il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*

Dawn l-emendi fil-ligi Maltija ghalhekk dahlu fis-sehh snin wara r-rilaxx tal-istqarrija tal-imputat. Din il-Qorti tibda' billi taghmel referenza ghas-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **<u>'Salduz v. Turkey'</u>** [25] fejn gie kkunsidrat:

*56. In the present case, the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody, pursuant to section 31 of Law no. 3842, as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer when he made his statements to the police, the public prosecutor and the investigating judge respectively. Thus, no other justification was given for denying the applicant access to a lawyer than the fact that this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions. As such, this already falls short of the requirements of Article 6 in this respect, as set out at paragraph 52 above.*

*57. The Court further observes that the applicant had access to a lawyer following his detention on remand. During the ensuing criminal proceedings, he was also able to call witnesses on his behalf and had the possibility of challenging the prosecution's arguments. It is also noted that the applicant repeatedly denied the content of his statement to the police, both at the trial and on appeal. However, as is apparent from the case file, the investigation had in large part been completed before the applicant appeared before the investigating judge on 1 June 2001. Moreover, not only did the İzmir State Security Court not take a stance on the admissibility of the applicant's statements made in police custody before going on to examine the merits of the case, it also used the statement to the police as the main evidence on which to convict him, despite his denial of its accuracy (see paragraph 23 above). In this connection, the Court observes that in convicting the applicant, the İzmir State Security Court in fact used the evidence before it to confirm the applicant's statement to the police. This evidence included the expert's report dated 1 June 2001 and the statements of the other accused to the police and the public prosecutor. In this respect, however, the Court finds it striking that the expert's report mentioned in the judgment of the first-instance court was in favour of the applicant, as it stated that it could not be established whether the handwriting on the banner matched the applicant's (see paragraph 15 above). It is also significant that all the co-defendants, who had testified against the applicant in their statements to the police and*

[25] Deciza fis-27 ta' Novembru, 2008 (Application no. 36391/02)

*the public prosecutor, retracted their statements at the trial and denied having participated in the demonstration.*

*58. Thus, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer in that his statement to the police was used for his conviction. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during police custody. However, it is not for the Court to speculate on the impact which the applicant's access to a lawyer during police custody would have had on the ensuing proceedings.*

*59. The Court further notes that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Sejdovic v. Italy [GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-II; Kolu, cited above, § 53; and Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 28, Series A no. 89). Thus, in the present case, no reliance can be placed on the assertion in the form stating his rights that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see paragraph 14 above).*

*60. Finally, the Court notes that one of the specific elements of the instant case was the applicant's age. Having regard to a significant number of relevant international law materials concerning legal assistance to minors in police custody (see paragraphs 32-36 above), the Court stresses the fundamental importance of providing access to a lawyer where the person in custody is a minor.*

*61. Still, in the present case, as explained above, the restriction imposed on the right of access to a lawyer was systematic and applied to anyone held in police custody, regardless of his or her age, in connection with an offence falling under the jurisdiction of the State Security Courts.*

*62. In sum, even though the applicant had the opportunity to challenge the evidence against him at the trial and subsequently on appeal, the absence of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights'*

Il-Qrati ta' Malta f'diversi sentenzi ghamlu referenza ghal dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tant li mat-trapass taz-zmien kien hemm zvilupp sinifikanti fl-interpretazzjoni u applikazzjoni ta' dawn is-sentenzi fil-Qrati Maltin.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Malcolm Said v. Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Pulizija'** [26], il-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat:

*'20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l- proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

21. *Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

22. *Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l- istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l- attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal- istqarrija mill-inkartament tal-proċess. Għalhekk ukoll (bla ħsara għal dak li sejjer jingħad dwar dewmien) ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta' kumpens monetarju, u l-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill- konvenuti jħallsu lill-attur elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala kum- pens għat-teħid tal-istqarrija.'*

[26] Deciza fl-24 ta' Gunju 2016 (Rikors kostituzzjonali numru 74/2014 JPG)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor'**[27] fejn l-imputat ma kienx inghata l-opportunita li jikkonsulta ma' Avukat kif gie arrestat u qabel ma gie interrogat, gie kkunsidrat li:

*'10. In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*11. In Aaron Cassar vs L-Avukat Generali et, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in Borg vs Malta, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal- individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il- motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat v. Avukat Generali*[28] *u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*"9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpret-azzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpret-azzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id- drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm –*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 2016 (Bill of Indictment No. 5/2015)
[28] Constitutional Court, 8th October 2012. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza citata)

*illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

*12. Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

*13. While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*

*14. For these reasons the Attorney General's appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor*** *whereby that Court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgement is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor.'*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet '**Mario Borg vs Malta'**[29] ikkunsidrat:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be*

[29] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Application no. 37537/13)

*provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law.*

*In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'**[30] gie kkunsidrat:

'*Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l- meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l- ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad- 19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.*

*Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.*

*Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta' l- 2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.*

*Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.*

*Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

---

[30]Sentenza preliminari deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuza numru 13/2015)

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sdentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl- istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Din is-sentenza kienet giet appellata fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[31] ikkunsidrat u ddeciediet is-segwenti:

*'18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal- Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill- appellat waqt it-trattazzjoni, taqa' biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal- kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat*

[31] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015)

*appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza a priori minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha.*

*19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar* ***jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.***

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il- kwistjoni fuq riferita.'*

Fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **'Marvin Debono vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija'**[32] fejn skont dik il-kawza '*ir-rikorrent jissottometti li l-fatt li huwa ċċaħħad milli jista' jikkonsulta ma' avukat matul il-ħin kollu minn x'ħin kien arrestat sa ma ħalla l- istqarrija lill-Pulizija, jikkostitwixxi minnu nnifsu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Ladarba dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tagħti li persuna arrestata setgħet titlob li tkun mgħejjuna minn avukat, ġablu ksur li ma jissewwiex ta' dak il-jedd. Jgħid li dan il-ksur sar attwali hekk kif ressaq quddiem il-Qorti mixli b'għadd ta' reati u l-imsemmija stqarrija ddaħħlet fl-atti tal- Kumpilazzjoni. Huwa jisħaq li fl-ebda waqt ma ngħata mill-Pulizija 'bill of rights' li kien ifissirlu x'inhuma l-jeddijiet tiegħu, kellu jwieġeb bla ma kellu għażla oħra għall-mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulu mill-uffiċjal investigatur, u tqiegħed f'din il-qagħda meta kien għad għandu wieħed u għoxrin sena bla ma kellu l-iċken ħjiel ta' "knowledge legali" u f'ambjent li seta' jintimidah biex jistqarr ħwejjeġ meta ma jkunx irid. Huwa jsaħħaħ dan kollu b'tismija ta' deċiżjonijiet mogħtijin kemm mill-Qrati tagħna u kif ukoll mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward;*'.

Il-Qorti wara numru ta' kunsiderazzjonijiet laqghet limitatament it-talba tar-rikorrent meta ddecidiet li '*l-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif*

[32] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Ottubru, 2018 (Rik. Nru: 40/14JRM)

*ukoll taħt il-Konvenzjoni, jinkiser jekk kemm-il darba jsir użu mill-istqarrija li r-rikorrent ta bla ma kien mgħejjun minn avukat; imma tiċħad l-istess talba għall-bqija, billi ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent u la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni biċ-ċaħda lir-rikorrent tal-aċċess għall-'file' tal-Pulizija u lanqas bit-tħaddim tad-diskrezzjoni mwettqa mill-Avukat Generali taħt l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Dik il-Qorti ghalhekk ordnat li ma jista' jsir l-ebda uzu mill-istqarrija tar-rikorrent u li din titnehha mill-atti processwali tal-kaz li qieghed jitmexxa kontrih quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali, ordnat ukoll li titnehha kull xhieda moghtija matul dak il-procediment li ssemmi l-kontenut tal-istess stqarrija.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'**[33], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero' illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti **waqt** it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur. **M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Panovits v. Cyprus** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in*

[33] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance <u>during an applicant's interrogation</u> would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only <u>while being questioned</u>*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v.***

***Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[34]*,* ***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq****:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis*** *fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi*

---

[34] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

*bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero' ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir-rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna*

*vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.'*

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti[35] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

*'35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in*

[35] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali*'

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet limitatament l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija fejn laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri huma intempestivi u ordnat minflok li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali. Din is-sentenza deciza ricentement tikkonferma li stqarrijiet rilaxxati minghajr il-prezenza tal-Avukat ma ghandhomx ikunu ammissibli fil-proceduri kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk fil-kaz odjern, minkejja li l-Ewwel Qorti strahet fuq sentenza li kienet u ghada sal-lum il-gurnata mhux res judicata meta ghaddiet biex tiskarta l-istqarrija rrilaxxata, mhuwiex ikkuntestat mill-ebda mill-partijiet li l-imputat ghalkemm qabel irrilaxxa l-istqarrija kien ikkonsulta ma' Avukat, matul l-interrogatorju ma kienx assistit minn Avukat u dan tenut kont tal-fatt li l-ligi dk iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghal dak id-dritt. L-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija v. Nicolai**

**(Nicolai Christian) Magrin Direttur Generali Qrati u Tribunali Kriminali'**[36] liema sentenza ma fil-fehma ta' din il-Qorti mhijiex relevanti ghall-kawza odjerna stante li kienet tirrigwarda l-obbligu tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tistenna d-decizjoni finali wara r-referenza maghmula minnha stess u ghalhekk li taccerta ruhha li d-decizjoni dwar ir-referenza Kostituzzjonali kienet wahda finali.

Minkejja li s-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**[37] li abbazi taghha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ddecidiet li tiskarta l-istqarrija tal-imputat ghada ma ghaddietx in gudikat, dik is-sentenza ghamlet analizi dettaljata ta' sentenzi inkluz dawk moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigwardanti d-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat anke waqt l-ghoti tal-istqarrija. In oltre, kemm abbazi tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta′ mandat ta′ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma′ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà li giet trasposita fil-ligi Maltija kif ukoll abbazi tal-izvillup li sar fis-sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin in segwitu ta' decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeciediet li tiskarta l-istqarrija tal-imputat moghtija fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Din il-Qorti biss pero' taghmilha cara li l-allegazzjonijiet serji mressqa mil-imputat fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafa' ma ghandhom l-ebda piz fuq id-decizjoni li tigi skartata l-istqarrija.

Ghalhekk din il-Qorti mhijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata mill-imputat nhar is-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u konsegwentement mhijiex sejra tikkunsidra fejn xhieda jaghmlu referenza ghal tali stqarrija.

Ikkunsidrat;

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 (Rikors numru 674/10 SM)
[37] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Refereza Kostituzzjonali Numru: 104/16JZM)

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda li l-ewwel Qorti hasbet fit-tul u analizzat b'mod approfondit l-provi mressqa izda baqghet xorta bid-dubbju jippersisti f'mohhha. L-appellant Avukat Generali wara li jaghmel referenza ghax-xhieda prodotta senjatament dik ta' Joseph Said u l-appellat imputat jissottometti li minghajr pregudizzju u kemm il-darba l-istqarrija tal-imputat tibqa' tigi skartata, xorta jibqa' l-fatt li ghalkemm il-prosekuzzjoni ppruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-intenzjoni tal-appellat dejjem kienet li jdahhal is-sigaretti minghajr ma jiddikjarhom, anke meta wiehed jara u janalizza bir-reqqa l-mod u kemm kien kredibbli l-appellat fir-risposti tieghu meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Ewwel Qorti ma kelliex triq ohra ghajr li ssib lill-appellat hati skont l-akkuza.

Ghalhekk jirrizulta li l-Avukat Generali qieghed jikkontesta l-apprezzament tal-fatti maghmulha mill-Ewwel Qorti meta ddecidiet li baqghet bid-dubju u meta ddecidiet li dan id-dubju ghandu jmur favur l-imputat. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal għal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[38] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli*

[38] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[39]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [40]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[41]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[42]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[43] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fis-sentenza citata jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna*):-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[44]). (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess sentenza kompliet tikknsidra:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[45], inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara*

---

[39] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;
[40] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;
[41] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[42] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[43] [1969] 1 QB 276
[44] (1991), p. 1392
[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

*jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ...., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti kienet fl-ahjar pozizzjoni biex tevalwa l-provi prodotti inkluz ix-xhieda li xehdu, b'mod partikolari l-komportament tal-imputat fit-twegibiet tieghu. Din il-Qorti ghalhekk sejra abbazi tal-provi prodotti tiddeciedi jekk setghetx l-Ewwel Qorti tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha meta ddeciediet li ma ssibx lil imputat hati u konsegwentement illiberatu mill-akkuzi migjuba kontrih u dan anke tenut kont tal-fatt li kienet l-Ewwel Qorti li semghet ix-xhieda jixhdu viva voce.

Din il-Qorti ghar-ragunijiet kkunsidrati fl-ewwel aggravju, sejra tiskarta ghal kollox l-istqarrja rilaxxata mill-imputat fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-partijiet tax-xhieda li jaghmlu referenza ghall-kontenut tal-istqarrija. Sejra ghalhekk tibda billi tezamina partijiet mix-xhieda ta' Joseph Said u tal-imputat.

Joseph Said, l-agent li jirraprezenta l-kumpanija Seanav Maritime Services Limited[46] xehed fis-seduta ta' nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa spjega li nforma lid-Dwana li kien diehel il-bastiment in kwistjoni u mar jistenna l-bastiment diehel peress li kien inkarigat li jinzel ix-xatt u jara li ssir il-pratka. Mistoqsi bejn wiehed u iehor id-dghajsa kemm kienet il-boghod mill-moll qal li ghoxrin (20) metru jghid li '*Jidher illi nqala xi haga u l-lanza regghet bidet hierga l-barra.*' Jghid li staqsa lil Darren Grech u qallu li hemm xi problema bl-arja jigifieri problema teknika fuq id-dghajsa.

Dwar dettalji fl-IMO declaration li jkun jonqos xi dettalji zghar li jimtlew la toqrob id-dghajsa wiegeb li '*li ma nkunx naf bihom qabel, bhal dettalji ta' x'fiha fuqha l-lanca. As*

[46] It-traskrizzjoni a fol 130 taqra 'Sinav'.

*such ma nkunx naf qabel dejjem.*' Jikkonerma li r-responsabbita' hija tal-kap tal-vapur li jiddikjaralu. Dwar din l-IMO declaration jispjega:

'*Xhud: id-dokumnet ghandi idea mhux hazing ta x fih mimli fuqu. Jien mill informazjoni li kien tana lili u lil kolleg atieghi, l-imhallem ta' l-ufficjlu, kont ktibt li d-dghajsa fuha nill.*

*Qorti: fiha nil ?*

*Xhud: fiha nil, ma fihiex merkanzija, jigifieri dik eventwalment kellha tinbidel, ma l-wasala ta-vapur.*'

Aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu, Joseph Said mistoqsi:

'*Pros: hekk gejna ghal-kaxxa numru 13, u hawnhekk hemm xi haga ingassata li tidher x' inhija, imbaghad tidher din l-ingassata kint miktuba b'linka sewda, imaghad hemm kitba bil-blue. Forsi tispjega ftit x'hemm ingassat u x'hemm bil-blue, b'linka blue.*

*Xhud: peress ili dan kien fil-weekend, jiena l-ahhar informazzjoni li kelli li kienet, ktibt il-kelma nill mill-ahhar informazzjoni li kelli sakemm kont l-ufficju il-gimgha jew is-sibt, jigifieri kien ghadu pjutost kmieni, imma dik l-informazjoni li keli mill-boss tieghi, mill-imghallem tieghi. Imbaghad ingassata u hemm il-kliem 46 boxes cigarettes on board*

*Pros: issa din min ghamilha u fejn?*

*Xhud: dik ktiba jien fuq il-moll.*

*Pros: fuq il-moll. Issa, dika min fejn gibta, dik l-informazzjoni.*

*Xhud: tajili Darren, it-tifel tal-kaptan.*

*Pros: u f'liema moment tajielek dik? meta inti lil Magistart spjegajtlu li rajt il-lanca diehla, 60 pied mil-moll rajta taqla l-barra, sewwa u l-ewwel ghedt kemm damet biex regghet dahlet lura.*

*Xhud: damet bejn wiehed siegha u siegha u nofs wara.*

*Pros: u allura dan fliema hin tajulek Darren ?*

*Xhud: f'dak il-hin*

*Pros: mela fil-hin, liema wiehed ?*

*Xhud : fil-hin meta l-lanca*

*Pros : kienet barra ?*

*Xhud : kienet barra .*

*Pros : u inti dak il-hin rajtu jikkomunika ma xi hadd il-Darren, cioe kien qed jikkomunika ma xi hadd b'xi mezz partikolari ?*

*Xhud: bil-mobile, milli nista nahseb kien qed jikkomunika ma Carmelo.*

*Pros: ma tafx ma min ?*

*Xhud: le*

*Pros : imma jigifieri waqt li kien qed jikkomunika tak din l-informazzjoni lilek 46 remaining on board ?*

*Xhud : iva*

*Pros : dak il-hin m,ela inti sirt taf meta qalghet il-lanca l-barra?*

*Xhud : hek hu iva.*

*Pros: jigifieri f'dik is-siegha Darren ghaddielek l-informazzjoni.*

*Xhud : Iva'*

Minn-naha l-ohra l-imputat fl-affidavit tieghu[47] li skont ix-xhieda tieghu pprezenta quddiem Qorti ohra, iddikjara fost fatti ohra:

*'Illi l-unika sigaretti li ma rnexxilniex nitrasferixxu abbord kienu il-46 kaxxa Walton u dan minhabba l-maltemp u c-caqlieq li kien hemm. Tlaqna lejn Malta u meta gejna biex nidhlu l-Port il-Kbir kellna hsarat fil-variable pitch control tal-iskrun .*

*Meta konna qed noqorbu lejn il-Port b'mod assolutament normali ikkomunikajt jiena personal fuq Channel 12 mat Turretta tal-Port Maltija fejn infurmajtu li konna qed noqorbu u taghna l-permess biex nidhol u nitrakka ix-Xatt maghruf bhala Fuel Wharf. Illi ghandi nghid illi l-agent tal-vapur ikun maghrraf li ahna dehlin u sahansitra jkun iddikjara x-xoghol*

[47] Giet prezentata kopja u mhux l-original ta' affidavit tal-imputat mill-imputat stess fix-xhieda tieghu moghtija fil-25 ta' Gunju, 2013 li tidher a fol 174 et seq u mmarkata bhala Dok CG.

*li jkollna abbord anke jordna u jaqla l-Ufficjali tad-Dwana . Jigifieri id-dwana kienet maghrrfaa mingahndna stess li konna dehlin tant li Dokument KD2 esebit mill-istess Dwana jikkonferma li l-agent taghna kien iddikjara l-istess sigaretti abbord .*'

Fix-xhieda tal-imputat moghtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mistoqsi:

'*Difiza: Sewwa, issa dawna intom gejtu l-high seas nehhejtu dawn kollha, fadal il-forty six (46) u gejtu direzzjoni lejn Malta naqblu?*

*Xhud: Ehe.*

*Difiza: Issa spjega x'ghamilt meta kont qed toqrob lejn Malta?*

*Xhud: Minn siegha qabel obligati bil-Ligi novzaw lit-Turretta.*

*Difiza: Inti lit-Turretta avzajtha li we are approaching Valletta Port?*

*Xhud: Avzajniha t-Turretta, kienet taf bina u tajniha l-ETA breadwaters*[48].'

Aktar il-quddiem fix-xhieda tal-imputat, mistoqsi:

*Difiza: Issa bhala stat ta' fatt inti kellek id-dokumenti fuqhek dana x'kienet l-intenzjoni inti li tiddikjarawhom?*

*Xhud: Iddikjerati fuq l-MO tad-Dwana, issa s-soltu ahna naghmlu hekk Sur Magistrat biex inkunu cari daqs il-krostall, ahna nistghu l-kaptan jaghmilha ta' agent, hafna drabi l-kaptan lanqas jinforma lill-agent 'ghandu u x'ma ghandux abbord, kif nidhlu jigi d-Dwana u nghidlu isma x'ghandek remaining so, remaing this u ghandna dan u ghandna dan. Meta kellna attakk fuqna fil-Port ta' Misurata u gejna biex b'certu merkanzija rritornajna lura ma ghamilha l-ebda agent, gew tad-Dwana ghidtlu "ahna ghandna pasta, makkaroni" li kien suppost hattejna Misurata imma kellna attakk, hrabna min hemm hekk u ergajna spiccajna Malta. Imma jigifieri dak il-hin taghmlu.*

*Difiza: Dawn is-sigaretti li baqghu abbord inti effettivament iddikjerajthom?*

*Xhud: Iddikjerati.*

*Difiza: Iddikjerahom ukoll l-agent?*

---

[48] Din il-Qorti tifhem li l-kelma 'breadwaters' ghandha taqra 'breakwaters'.

*Xhud: L-agent iddikjerahom ukoll.*

*Difiza: Sewwa, issa kien hemm xi accenn fejn bdew jghidu ghax l-agent ghamilhom vojta, imbaghad qataghha...*

*Xhud: Imma dik mhix l-ewwel darba tnizzel xi haga tingassaha u mbaghad tkompli u fuq hekk jien nista ma niddikjara xejn qabel ma nasal il-Port ikun hemm tad-Dwana. Infutur qed nitkellem, infutur ghalija nnifsi.'*

L-imputat in kontro-ezami fost domandi ohra, mistoqsi:

'*Pros: L-agent min jaghtihomlu d-detalji jekk joghgbok?*

*Xhud: Naghtihomlu jien, pero' nistghu l-kaptan jaghmilha ta' agent u jimlih hu bhall ma kienu jsiru l-proceduri kif jigi d-Dwana abbord.*

*Pros: Naqbel vera, jien gej minn dak ix-xoghol jigifieri nafu sew. Mela ta' ... general declaration sewwa, inti ovjament iccempel l-agent tghidlu jiena diehel m'ghandi xejn x'niddikjara jew ghandi x'niddikjara u taghtih il-cargo manifest correct?*

*Xhud: Ehe.*

*Pros: Mela jiena qed nara hawn hekk li hawn kelma nil, jigifieri nothing to declare.*

*Xhud: Mhux l-ewwel darba li tnizilha nil u mbagahd tingassaha jekk tkun karta ohra ta' xi haga ohra.*

*Pros: Ghalhekk saqsejtek id-dpmanda f'liema stadju, kont car fiha, ghidtlek f'liema stadju inti taghmilha d-decreation, f'liema stadju?*

*Difiza: F'dan il-kaz f'liema stadju ghamiltha d-decleration?*

*Xhud: Kif f'liema stadju ghadni m'iniex qed nifhem f'liema stadju.*

*Pros: F'liema hin timiha d-dikjarazjoni, fliema stadju inti..*

*Xhud: Tista timliha bit-telephone biss, iccempillu tghidlu isma ghamilli hekk.*

*Pros: Mhxu kif qed nghidlek, at what stage.*

*Xhud: Mhux qabel ma jigi tad-Dwana trid timliha.*

*Pros: Jigifieri fl-ahhar hinijiet?*

*Xhud: Fl-ahhar hinijiet, nistghu nimlewha wara li jigi tad-Dwana ... jitilghu abbord.*

*Pros: Ezatt kif titrakka trid timliha.*

*Xhud: Ehe.'*

Il-prosekuzzjoni tkompli:

*'Pros: Sewwa, mela spjegali daqsxjen kif inti kont konsapevoli li kellek is-sigaretti abbord u l-agent kitiblk nil, issa l-agent, ghadek kif xhedt qabel ukoll issa, d-dettalji taghtihomlu inti ghax hu qieghed hawn Malta . . .*

*Difiza: Intom qeghdin tghidu din tan-nil u mhux nil, li hemm kelma ngassata u*

*Qorti: Targumentax. (recording mitfi) Mela domanda tal-Qorti: ara sur Grech se nerga nurik dan id-dokument a folio 82 all right, mela hemm xi haga ngassata b'linka blu . . .*

*Xhud: Hsibt li ma kelli xejn imbaghad imlejtha.*

*Qorti Hemm xi haga ngassata b'linak blu u hdejha hemm miktub 46 boxes hux hekk?*

*Xhud: Cigarettes.*

*Qorti: B'linka blu int ghamiltha dik.*

*Xhud: Le, le mhux jien ghamiltha dik.*

*Qorti: Mhux inti ghamiltha?*

*Xhud: Mhux jien ghamiltha.*

*Qorti: All right u fi x'hin saret?*

*Xhud: Iffirmajtha jien.*

*Qorti: Iffirmajtha inti, fi x'hin iffirmajtha dik?*

*Xhud: Meta dhalna u gew id-Dwana abbord, gabli l-karti u ffirmajtha.*

*Qorti: U l-akrta, dik il-akrta li qed tara hemm hekk min gabielek?*

*Xhud: Tas-... certu wiehed Joseph ma nafx x'kunjomu sewwa, Joseph Said.'*

L-imputat meta mistoqsi:

*Pros: F'liema stadju, fen kont x'hin imlejha din? Fuq il-vapur, gej Malta, sejjer Misurata, sejjer Bengazi?*

*Xhud: Eh il-hin, dik intliet qabel ma wasalna, ffirmajtha kif wasalna.*

*Difiza: Meta gie tas-SINAF u tak dik il-karta tela' fuq il-vapur dan?*

*Xhud: Qabel ma tela' fuq il-vapur kien hemm Ufficjali tad-Dwana u l-pulizija u AFM u jiena ddikjerajt li ghandi 46 boxes, anke li keku m'hemmx dik il-karta.*

*Difiza: Inti dak il-hin iddikjerajt li ghandek forty six (46) boxes, quddiem min?*

*Xhud: Iva saqsewni qaluli "inti ghandek xi haga x'tiddikjara?" Kien hemm il-Kaptan ta' l-AFM dak li tela' jixhed, Gerome Azzopardi u Ufficjali tad-Dwana ohra mieghu u kien hemm mill-Korp tal-Pulizija.*

*Difiza: U dak il-hin inti ghidtilhom iva ghandi x'niddikjara?*

*Xhud: Iva ghidtilhom forty six (46) boxes remaining mil-merkanzija li kelli.*

*Difiza: U allura dik li hemm fil-fol 82 li hija bil-pinna bluna fejn hemm mktub 46 boxes jew x'inhuma cigarettes fi x'hin tnizlet dik?*

*Xhud: Dik qabel ma dhalna l-port nizziltha.*

*Difiza: Jigifieri int nizziltha jew tas-SINAF?*

*Xhud: Tas-SIBNAF imma cempiltlu bit-telephone.*

*Difiza: All right u allura x'hin tas-SINAF tela' fuq id-dghasa b'dak id-dokument . . .*

*Xhud: Tajtu t-timbru u l-firma bhal dokumenti ohra.*

*Difiza: U dak il-kliem forty six (46) boxes cigarettes bil-biro blu kienu diga miktubin jew kitibhom quddiemek?*

*Xhud: Kienu miktubin diga., dak id-dokument intela qabel ma dhalna ahna l-Port.*

*Pros: Jigifieri inti tikkonferma li cempitlu inti tas-SINAF biex tinfurmah.*

*Xhud: Iva ghadni kif ghidtlek ikkonfermajtha, tliet (3) darbiet ikkonfermajtha.*

*Pros: U tikkonferma wkoll li kont cempiltlu qabel u ghidtlu li m'ghandek xejn x'tiddikjara?*

*Xhud: Ma niftakarx, dik ma niftrakrux.*'

L-Ufficjal prosekutur staqsieh '*Ara ha naghmillek id-domanda jiena sewwa l-IMO decleration kemm il-darba cempiltli lis-SINAF inti biex tolterha?' u wiegeb* '*Ma niftakarx, ma niftakarx, ma niftakarx.*' Fl-ahhar tax-xhieda tal-imputat mistoqsi mill-prosekuzzjoni '*Jigifieri tikkonferma bil-gurament li inti ghidtlu li ghandek forty six (46) cases on board?*' wiegeb iva u meta mistoqsi '*Mhux l-ewwel ghidtlu li ma ghandek xejn umbaghad meta nqala li naqala . . .*' Wiegeb '*Le, le, le li ghandi forty six (46) boxes. (recording mitfi).*'

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li ***'Fic-cirkostanzi tar-rizultanzi processwali f'dan il-kaz, Qorti ta' Gudikatura Krimminali ma tista qattt, sal-grad tal-konvinciment morali, tiddetermina f'liema hin tnizzlet id-dikjarazzjoni "46 boxes cigarettes rem o board" fl-IMO general declaration'.*** Mix-xhieda ta' kemm Joseph Said u l-imputat jirrizulta li kien l-agent tas-Seanav Maritime Services Limited li mela d-dettalji fil-kaxxa tlettax (13) rigwardanti '*Brief description of the cargo*' fuq id-dikjarazzjoni li tidher a fol 82 tal-process fejn minflokk il-kelma sgassata '*Nil*' kiteb bil-biro bil-kulur blu '*46 Boxes cigarettes rem onboard*'. Huwa jghid li din kitibha fuq il-moll u li din l-informazzjoni ghaddihielu Darren iben il-kaptan fil-hin li l-lanca '*kienet barra*' u fuq suggeriment tal-prosekuzzjoni '*jigifieri f'dik is-siegha Darren ghaddielek l-informazzjoni*' wiegeb '*Iva*'. L-imputat jghid li din imtliet qabel ma dahal fil-Port izda jghid li ghadda l-informazzjoni lill-agent tas-Seanav Maritime Services Limited[49].

Illi ghalhekk il-kwistjoni mhijiex meta imtliet id-dikjarazzjoni peress li l-agent Joseph Said jaghti x'jifhem li din l-informazzjoni inghatatlu minn Darren Grech meta l-lanca salpat il-barra izda dak li huwa ta' pern huwa x'kienet l-intenzjoni tal-appellat ossia jekk kellux intenzjoni li ma jiddikjarax dawn is-sigaretti u dan peress li dan mhuwiex kaz fejn l-ewwel giet sottomessa dikjarazzjoni lil Awtoritajiet koncernati u sussegwentment giet irtirata u sostitwita. L-appellat jaghmilha cara li meta gie mistoqsi dwar ghandux x'jiddikjara, hu mal-ewwel informa lill-ufficjali bis-sigaretti

[49] L-imputat fix-xhieda tieghu juza l-kelma 'Sinav'

li kellu abbord u giet prezentata l-IMO general declaration li ghalkemm kellha l-kelma '*nil*' sgassata, kienet tindika '*46 Boxes cigarettes rem onboard*'.

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti huwa evidenti li l-prova maghmulha permezz tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-dokumenti esebiti, tikkostitwixxi fil-massimu, prova cirkostanzjali. Ikkunsidrat li '*Pero', biex tkun prova cirkostanzjali idonea fil-process penali, jehtieg li tali prova tkun univoka u konkordanti- fi kliem iehor trid tkun prova li tipponta lejn direzzjoni wahda. Jekk pero' hija tali li tista tinklinak thares lejn direzzjoni, imqar wahda ohra, allura dik il-prova ghandha titqies bhala prova cirkostanzjali mhux idoneja.*'

L-Ewwel Qorti ma pproducietx dak li kull xhud xehed quddiemha fosthom tax-xhieda ta' Joseph Said kif wara kollox ma kelliex l-obbligu li taghmel izda madankollu ghamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet wara li qieset il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u dik tal-imputat.

Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti bhala provi cirkostanzjali dwar l-involviment tal-imputat, il-prosekuzzjoni bil-provi li ressqet emfasizzat is-segwenti fatti:

i. '*li l-imputat wara li sema' dik l-ghajta minn fuq il-moll, mhux talli ma trakkax izda hareg jigri l-barra bil-bastiment u kellu jigi ntercettatta mill-AFM*';

ii. '*li l-imputat uza l-kelma "nil" u kien biss wara li akkwista l-hin favur tieghu, ingassa l-kelma "nil" u minflokha nizzel il-kliem "46 boxes cigarettes rem on board"*.

Ma' dawn, din il-Qorti zzid:

iii. Li l-imputat qal li hareg il-barra minflokk ma trakka peress li zvillupatlu hsara fuq il-lanca, bil-maggorparti tax-xhieda mressqa md-difiza jissottomettu li jekk dan kien il-kaz, kien jaghmel aktar sens li jidhol fil-Port milli johrog il-barra;

iv Li l-imputat kien jaf ferm qabel ma dahal fil-port li kellu l-merkanzija ossia s-sigaretti u ma kellux ghalfejn jistenna l-ahhar hin sabiex jitlob lil agent li jnizzel li hemm '*46 boxes cigarettes rem on board*';

v. Li kif issottometta l-appellant Avukat Generali li l-opra tal-bahar li fuqha l-appellat jghid li trasferixxa s-sigaretti fuq il-High Seas baqghet mistura u ma ta' ebda

informazzjoni dwarha fejn fix-xhieda tieghu jghid li ma bieghx id-disa' mija u erbgha u hamsin kaxxa (954) sigaretti li ghaddha fuq il-bastiment l-iehor filwaqt li xhieda ohra jghidu li l-imputat kien qalilhom li kien bieghhom. L-imputat in kontro-ezami[50] filwaqt li jghid li ma ttrasferiex l-elf kaxxa kollha ghax kien maltemp li ppersista ghal granet twal jghid ukoll '*In-nies kienu ghajjew u ddecidejna jigifieri li nitilqu lejn il-Port.*'

Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm numru ta' suspetti rigwardanti t-tezi tal-appellat imputat inkluz dwar il-kredibilita' tieghu mhux biss ghax ghamel allegazzjonijiet serjissimi fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafa' izda anke tal-mod kif f'xi waqtiet wiegeb id-domandi maghmulha quddiem l-Ewwel Qorti. Madankollu, din il-Qorti qieghda tghid dan abbazi ta' dak li jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda stante li ma kelliex l-opportunita' bhall-Ewwel Qorti li tisma' viva voce lix-xhieda inkluz lill-imputat. F'mument minnhom meta mistoqsi mill-Qorti '*ara sur Grech se nerga nurik dan id-dokument a folio 82 all right, mela hemm xi haga ngassata b'linka blu. . . .*' wiegeb '*Hsibt li ma kelli xejn imbaghad imlejtha.*' Filwaqt li wara jispjega li bil-linka blu ma ghamilhiex hu izda ghamilha l-agent Joseph Said kif wara kollox ikkonferma Joseph Said, b'dan li l-imutat spjega li cempel lil tas-Seanav[51] filwaqt li Joseph Said fix-xhieda tieghu jghid li l-informazzjoni ghaddielu Darren Grech, iben l-imputat wara li ikkomunika bil-mobile pero' ma jafx ma min.

Minn naha l-ohra, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li d-difiza temfasizza:

a) '*Illi l-ufficjali koncernati tal-pulizija u tad-Dwana gew infurmati fil-hin propizju li l-bastiment kien diehel Malta u li kien gej minn Misurata fil-Libya u kien ghalhekk li l-istess ufficjali kienu biss infurmati fil-hin izda li setghu liberament jinzlu fuq il-moll biex jesegwixxu xogholhom minghajr tfixkil*'. Din il-Qorti zzid li l-imputat jghid li kien informa lit-Turetta li kien diehel fil-Port filwaqt li l-agent Joseph Said informa lid-Dwana li kienet diehla l-lanca fejn l-ufficjal tad-Dwana Saviour Balzan[52] duty officer l-Baggage room spjega in kontro-ezami li ''*Issa dak in-nhar, cempel tas-Seanaf u d-diskors kien, qalli "Isma' jiena ngiblek il-karti? X'naghmlu? ghidtlu "Le", ghidtlu "issa... u gejjin il-pratka*" u kkonferma li tas-'Seanaf' kien jaf li kienu gejjien tad-Dwana';

[50] Fix-xhieda tieghu moghija fil-25 ta' Gunju, 2013
[51] It-traskrizzjoni taqra 'Sinav'.
[52] Fix-xhieda tieghu moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2012

b) *Illi huwa jinsisti li zviluppatlu hsara tali li kellu johrog jaghmel sea trials u dan il-fatt hu (l-imputat) zvelah minnufih lit-turretta u gab ghal dan l-iskop il-permess mehtieg biex jerga johrog lura il-bahar*'. Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Victor Muscat, VTS Operator it-turretta fix-xhieda tieghu tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Qisu l-hdax u ghaxra l-Mae Yemanja qaltli li ghandha xi hsara, problem with pitch propellers u ser terga*' *tmur lura* '*l barra biex tikklirja l-probema speci ghal sea trials u ahna ntuhom il-permess ghax meta jkun hekk ittihom permess illi tohrog...*' In kontro-ezami ikkonferma li tah permess johrog ghalkemm spjega li ma jistghux ma jaghtux permess. Spjega li dejjem jinforma lil *Customs*. Minkejja li l-imputat spjega fejn kienet il-hsara u prezenta ritratti, ma ttella l-ebda espert li jikkonferma l-hsara da parti tad-difiza u filfatt ma jirrizultax li l-lanca dahlet irmunkata.

c) '*Illi hu effettivament, fil-hin li ntalab jipprezenta l-IMO general declaration, ghamel id-dikjarazzjoni tal-cargo skond il-ligi;*' Din il-Qorti zzid li l-appellat spjega li meta telghu l-ufficjali tad-Dwana fuq id-dghajsa huwa mal-ewwel infurmahom li kellu s-sigaretti abbord filwaqt li huwa ffirma l-IMO general declaration li kienet tiprovdi ghal '46 boxes cigarettes rem on board'. Is-Surgent Christopher Brimmer Surgent 86297[53] spjega li '*Bdejna niccekkjaw l-affarijiet taghna u qabel ma bdejna naghmlu t-tfittxija ma*' *ta*' *l-AFM mad-Dwana, tlabnieh jekk kellux xi haga x*'*jiddikjara u l-persuna, il-Kaptan Carmelo Grech infurmana li ghad fadallu 46 boxes...*' filwaqt li Raymond Caruana Ufficjal tad-Dwana Enforcement in kontro-ezami spjega li '*Hu ddikjara, fuq id-dikjarazzjoni tad-Dwana ddikjara 46 kaxxa sigaretti. Ahna fl-istiva sibna 44 kaxxa Walton bil-hamsin kartuna l-wahda jkunu dawn, kaxxa wahda Capitali u mbghad sibna kartuni loose 15 Walton by 200 cigaretts each u 18 Capital.*'

d) '*Illi hu ghamel il-prova sal-grad li trid il-ligi, bis-sahha tal-fattura esebiti in atti a folio 178 Dok CG2, li huwa xtara elf (1000) kaxxa sigaretti u jinsisti li l-46 remaining kienu dak li kien fadal minn din il-kunsinna.*' Din il-Qorti tinnota li filwaqt li bhala '*date of issue*' fuq il-Bill of lading mmarkata bhala CG5 a fol 181 rigwardanti l-elf kaxxa sigaretti hemm miktub '25.03.2012', tinnota li l-invoice mmarkat bhala Dok CG8 a fol 184 rigwardanti

[53] Fix-xhieda tieghu moghtija fit-28 ta' Jannar, 2013

il-'*46 Box*' '*Walton k.s.Cigarettes*' hija datata '16.05.2012' u allura xahar wara d-data ghal liema akkuzi jirrisalu;

L-appellat imputat jissottometti wkoll li s-sigaretti tat-tip Capital u Walton mhux fil-kummerc f'Malta u huma prodott li jinbiegh il-Libja u North Africa u li ghalhekk ma kien hemm ebda intenzjoni li dawn is-sigaretti jiddahhlu Malta illegalment ghax mhumiex fil-kummerc u kienu baqghhu abbord peress li ma thattux fil-Libja minhabba l-maltemp.

Ikkunsidrat;

Illi l-prosekuzzjoni resqet provi cirkostanzjali li juru li kien wara li xi hadd minn fuq il-moll ghajjat li hemm tad-Dwana li l-imputat iddecieda li minflokk jibqa' diehel u jitrakka, johrog il-barra. Ghalhekk ma hemmx qbil preciz ta' kemm kien wasal vicin biex jitrakka qabel ma salpa l-barra. Prova cirkostanzjali li taghti x'tifhem li l-imputat ried jakkwista l-hin biex jirrimedja sitwazzjoni fejn qabel kien iddikjara 'nill' bhala merkanzija abbord. Din il-Qorti pero' tistaqsi, jekk verament dan kien il-kaz u jekk kif tallega l-prosekuzzjoni kienet taghmel aktar sens ghall-imputat li jibqa diehel u jitrakka jekk kellu hsara milli johrog il-barra, ma setghax l-appellat jibqa' diehel il-gewwa u waqt li qieghed f'kommunikazzjoni mal-agent jew ma ibnu Darren Grech, jirrimedja s-sitwazzjoni billi jibqa' diehel u issir l-emenda? Jekk l-informazzjoni dwar is-sigaretti abbord inghaddiet lil agent minn Darren Grech hekk kif salpa l-barra l-imputat, jekk l-imputat ma kellux jintwemmen li kellu hsara fuq il-lanca, ghala kellu bzonn daqstant hin il-barra mill-Port? Ma kienx hemm bzonn daqstant hin biex issir l-emenda fuq id-dikjarazzjoni.

Prova indizzjarja trid tkun cara u univoka sabiex twassal ghal sejbien ta' htija tant li meta interpretati ma jwasslu ghall-ebda konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[54] fejn gie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun **cara u univoka** fis-sens li twassal **necessarjament,** u f'kuntest ta' dak li hu **ragjonevoli**, ghall-*

[54] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

*htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[55] ikkunsidrat ukoll:

*Illi l-gurist* ***Ingliz Pollock C.B***[56] *jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfazi mizjuda)

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti gustament ikkunsidrat li filwaqt li mill-provi migjuba '*jirrizultaw numru ta' fatturi suspettuzi b'rabta mal-imputat u l-moviment tieghu fil-lejl in kwistjoni, irid jigi minnufih imfiehem illi mhux kull moviment suspettuz necessarjament kellu jaghti lok ghal azzjoni kriminali. Ukoll, mhux kull prova ta' xi moviment suspettuz hi necessarjament prova idoneja f'kuntest ta' azzjoni penali quddiem Qorti ta' Gustizzja Kriminali.*'

---

[55] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawza numru: 83/2011)
[56] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma vs Brian Spiteri'**[57]:

*'Veru illi l-appellant igawdi mid-dritt tas-silenzju u hadd ma jista' jasal ghal xi inferenza negattiva dwar dan. Però min jallega jrid jipprova. U dan japplika kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-Difiza. Ghall-Prosekuzzjoni l-prova trid tkun minghajr dubbju dettat bir-raguni; ghad-Difiza fuq bazi ta' probabilità. La d-Difiza stess ikkummentat illi l-appellant seta' kien fl-akkwati tad-detox biex jiehu l- metadone, kwindi allura kien jinkombi lilha li tipprova dan il-fatt fuq bazi ta' probabilità.'*

Kif ikkunsidrat fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur James Grech vs Raymond Galea'**[58]:

*'Illi huwa minnu kif stqarret id-difiza li hija l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-appellant ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il- provi prodotti.*

*Il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar provi. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti, huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha, twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara, probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti, m'ghadhom jippruvaw xejn, izda jekk ihossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jghamluh, anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.*

*Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta'* ***Lord Denning*** *tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika:-*

*"That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a*

[57] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali numru: 364/2014)
[58] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 285/2017)

*doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*[59]"

*Huwa veru li fil-kamp penali, l-provi ndizzjarja hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, huwa veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Kevin Micallef Alan Bugeja**[60]' gie kkunsidrat li:

*'Din il-Qorti ezaminat il-provi li ngabu quddiem l-ewwel Qorti u tghid mill-ewwel illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Bhalma qalet l-istess Qorti, jista' jkun hemm suspett illi l- appellati riedu jevadu t-taxxa. Izda s-suspett biss mhux bizzejjed in criminalibus fejn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. Effettivament, minbarra l-osservazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti, din il- Qorti tinnota illi meta kienu l-Qawra l-mekkanik li kienu kkuntattjaw gie fuq il-post izda ma thalliex jitla' abbord mill-Pulizija. Inoltre mix-xiehda ta' l-appellat Kevin Micallef, mhux kontradett, jidher illi meta waslu l-Port, giet dghajsa ta' l-assistenza sabiex jimbuttaw il-yacht biex dahlu mal-moll. Jigi wkoll osservat illi x-xorb li kellhom ma kienx mohbi.'*

Illi kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*Li hu zgur hu li din il-Qorti hija rinfaccata - anke jekk din hija afflitta minn numru ta' suspetti- b'IMO declaration li qed tindika is-sigaretti materjalment misjuba fuq il-bastiment u liema dokument inghata lill-ufficjali meta gie mitlub.'*

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet legalment u ragonevolment korretta meta nonostante l-fatt li hemm numru ta' fatturi suspettuzi b'rabta mal-imputat u l-movimenti tieghu bejn il-lejl tal-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012), ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba

---

[59] Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)
[60] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2013 (Appell Kriminali Numru: 2/2012)

kontra taghha meta kkunsidrat li l-prosekuzzjoni waslet biss sal-grad tal-probabbli izda mhux ta' minghajr dubju detatt mir-raguni.

Dan it-tieni aggravju ghar-ragunijiet kkunsidrati f'din is-senrenza qieghed jigi michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur